

MALTA FOOTBALL ASSOCIATION 6



SNOOKER 32



WATERPOLO 38

Nru. 126 Settembru 2017

# SPORTIV




**Malta v Ingilterra**
Bir-ritratti
16

**ĊIKLIŻMU**
Issir il-preżentazzjoni annwali
34

**MEUSAC**
Fondi Ewropej għal ħajja f'saħħitha
42


**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport



## Regatta tal-Vitorja

**Bormla jiddominaw iż-żewġ kategoriji**

Click

inewsmalta.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA

# Settembru 2017



**Jesmond Moore**
*Editur*



Matul ix-xahar ta' Settembru l-isport Malti kien mimli attivitajiet li fosthom spikkaw il-logħba kontra l-Ingilterra, valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018 kif ukoll ir-Regatta tal-Vitorja 2017 li ġiet mirbuħa minn Bormla u fejn il-maltemp ħarbat it-tmiem tat-tiġrijiet.

F'dawn it-tiġrijiet Bormla rreġistraw double meta rebħu wkoll Kategorija B. Iżda l-preżentazzjoni uffiċjali kellha ssir tlett ijiem wara minħabba l-maltempata li laqtet il-Gżejjer Maltin b'mod speċjali lill-Port il-Kbir.

Fil-logħbiet internazzjonali, fejn Malta lagħbet ukoll kontra l-Iskozja, sofrejna żewġ telfiet - 4-0 kontra l-Ingilterra u 2-0 kontra l-istess Skozja.

Il-kampjonati organizzati mill-MFA matul dan ix-xahar bdew kollha fejn l-attenzjoni prinċipali tkun mixħuta fuq il-Kampjonat BOV Premier.

Bħalissa huma Gzira United li qed jillidjaw il-klassifika fejn qed jagħtu twissija li se jkunu minn fost l-isfidanti ewlenin għar-rebħ tat-titlu.

**irbaħ €25 voucher ma'**

**TeamSporT®**

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Liema distrett rebaħ ir-Regatta tal-Vitorja 2017?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2017:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 125 hija:*
**Ingilterra u Skozja**

*Ir-rebbieħ huwa: F. Bugeja - Sliema*



## JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- **All Types of Plastering - kisi**
- **Pointing - fuq il-fil**
- **Painting - żebgħa - Gypsum**
- **Drain Laying**
- **Tile Laying**
- **Building Alterations**
- **Restoration Works**
- **All kinds of Decoration Works**

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
**126**

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
UnionPrint Co. Ltd
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg

**Cover**
Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Clifton Grima, jidher imdawwar minn qaddiefa u partitarji ta' Bormla waqt il-preżentazzjoni tar-rebħ tax-Shield tar-Regatta tal-Vitorja 2017

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**






# Werrej

**6 MFA**
Tispikka l-logħba Malta v Ingilterra

**16 Malta v Ingilterra**
Il-logħba bir-ritratti kif ukoll b'żewġ posters

**20 Premier**
Gzira United jimpressjonaw u... jaqbżu waħedhom f'ras il-klassifika

**26 Regatta tal-Vitorja**
Bormla jiddominaw iż-żewġ kategoriji

**30 Table football**
Il-Maltin jiksbu riżultati prestiġjużi fil Kampjonat tad-Dinja fi Franza

**32 Snooker/ Weightlifting**
Luca Brecel jirbaħ iċ-China Championship

**34 Ċikliżmu**
Issir il-preżentazzjoni annwali

**36 Youth F.A.**
Bidu tal-Kampjonati Staġun 2017/18

**38 Waterpolo**
San Ġiljan rebbieħa Tal-Kampjonat Premier

**40 Gozo Sport**
Xewkija Tigers iżommu s-Super Cup

**42 MEUSAC**
Fondi Ewropej għal ħajja f'saħħitha

**44 Storja tal-Football Malti**
Sliema Wanderers jegħlbu lir-rivali eterni Floriana

**46 Tisliba/Spotball**
Irbaħ ma' EuroSport u ma' Fitness Studio

mfa.com.mt




# Il-Maltin iċedu lejn it-tmiem

Wirja qalbiena mill-Maltin ġiet mgħarrqa proprju fl-aħħar ħames minuti meta sofrejna tliet goals biex l-Ingilterra ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-0, f'partita valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018.

L-Ingliżi kienu teknikament, fiżikament u territorjalment aħjar fejn għażlu li jmexxu l-ballun bejniethom fil-baxx u anke blalen fit-tul, bil-Maltin jirtiraw lura jippruvaw iwaqqfu l-furja u l-pressjoni tal-avversarji.

Il-ħsara mill-Ingliżi bdiet tasal mill-faxxa laterali fejn kull azzjoni bdiet minn saqajn Alex Oxlade-Chamberlain li kien għadu kif ingħaqad ma' Liverpool mingħand Arsenal.

Iżda wieħed irid jgħid ukoll li l-Ingliżi bdew jaslu biss sal-kaxxa l-kbira minħabba li dehru konfużi fil-konklużjonijiet tagħhom hekk kif l-attakkanti kienu miżmuma f'morsa mid-difiża organizzata Maltija.

Għall-kronaka, wara biss 55 sekondi, l-Ingliżi kienu għoddhom skurjaw meta Harry Kane żmarka lil Raheem Sterling li kif appena kien se jikkonkludi sab lill-goalkeeper Malti, Andrew Hogg, jimblokka fil-ħin.

Fit-tielet minuta, Hogg reġa' kien providenzjali meta wettaq save mill-isbaħ biex salva d-daqqa ta' ras ta' Kane minn metru bogħod.

Fil-21 minuta, l-Ingilterra kellhom goal imħassar meta mill-corner ta' Jordan Henderson, sar foul fuq il-goalkeeper Malti qabel ma Phil Jones seta' jixħet fix-xibka bir-ras.

Fil-35 minuta, kien imiss lil Joseph Zerafa li jtajjar il-periklu bir-ras qabel ma seta' jilħaq Dele Alli li kien f'pożizzjoni biex jikkonkludi.

It-tieni taqsima fetħet b'xutt qawwi ta' André Schembri minn barra l-kaxxa bil-ballun jgħaddi ftit barra.

Iżda fit-53 minuta, l-Ingilterra fetħu l-iskor meta azzjoni mibdija minn Oxlade-Chamberlain, Dele Alli qabad lid-difiża Maltija fuq sieq waħda, biex għadda lejn HARRY KANE li bil-kalma kollha xeħet il-ballun fix-xibka.

Fis-60 minuta, Kane ħalla waħdu fi tliet kwarti ta' ground u minn 30 metru fajjar xutt iżda sab lil Hogg attent.

Ritratti: Dominic Aquilina, Joe Borg, Paul Zammit Cutajar








Żewġ minuti wara, André Schembri għadda pass preċiż lejn Steve Pisani iżda kien wisq angolat biex setgħet issir xi forma ta' ħsara u għalhekk iċ-ċans intilef.

B'mod gradwali, l-Ingliżi reġgħu rebħu l-inizjattiva u l-Maltin reġgħu kienu kostretti biex jirtiraw lura.

Fil-75 minuta, il-goalkeeper Malti wettaq save tajjeb fuq Marcus Rashford iżda, erba' minuti mit-tmiem, ma seta' jagħmel xejn mix-xutt ta' RYAN BERTRAND minn barra l-kaxxa.

Fil-ħin miżjud, l-Ingliżi skurjaw darbtejn oħra minn DANNY WELBECK li laħaq qabel il-goalkeeper Malti biex irtokka l-ballun fix-xibka u minn HARRY KANE li rreġistra d-doppjetta personali.



**Tazza tad-Dinja**

**01.09.2017 - 20.45 hrs**

**Malta** 0

**Ingilterra** 4
H. Kane 53, 93, R. Bertrand 86, D. Welbeck 91

HT 0-1 **National Stadium**

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 3-Samuel Magri, 4-Steve Borg, 5-Andrei Agius, 6-Ryan Fenech (8- Paul Fenech 83), 10-Andrè Schembri (9-Michael Mifsud 80), 13-Zach Muscat, 14-Jean Paul Farrugia, 18-Bjorn Kristensen, 19-Joseph Zerafa (17-Ryan Camilleri 75), 21-Steve Pisani

**Coach** – Pietro Ghedin

**Ingilterra** – 1-Joe Hart, 2-Kyle Walker, 3-Ryan Bertrand, 4-Jordan Henderson, 5-Gary Cahill, 6-Phil Jones, 7-Raheem Sterling (22-Marcus Rashford 46), 8-Jake Livermore, 9-Harry Kane, 10-Dele Alli (21-Jamie Vardy 69), 11-Alex Oxlade-Chamberlain (20-Danny Welbeck 76)

**Coach** – Gareth Southgate

**Referee** – Artur Dias (Portugall)

**Assistenti** – Rui Tavares, Paulo Soares (Portugall)

**Raba' Uff.** – Joao Pinheiro (Portugall)

**Ammoniti** – Ħadd

# Malta megħluba b'goal f'kull taqsima












2017 © Paul Zammit Cutajar

FIFA WORLD CUP
RUSSIA 2018





Ritratti: Paul Zammit Cutajar

**Tazza tad-Dinja**

**04.09.2017 - 20.45 hrs**

| | |
|---|---|
| **Skozja** | **2** |
| C. Berra 9, L. Griffiths 49 | |
| **Malta** | **0** |

HT 1-0 **Hampden Park**

**Skozja** – 1-Craig Gordon, 2-Kieran Tierney, 3-Andrew Robertson, 4-Christophe Berra, 5-Charlie Mulgrew (15-Grant Hanley 56), 6-James McArthur (18-James Morrison 46), 7-Stuart Armstrong, 8-Scott Brown, 9-Leigh Griffiths (19-Chris Martin 69), 10-Matthew Philips, 11-James Forrest

**Coach** – Gordon Strachan

**Malta** – 1-Andrew Hogg, 3-Sam Magri, 4-Steve Borg (2-Alex Muscat 86), 5-Andrei Agius, 6-Ryan Fenech, 10-André Schembri (11-Luke Gambin 71), 13-Zach Muscat, 18-Bjorn Kristensen (8-Paul Fenech 85), 19-Joseph Zerafa, 20-Alfred Effiong, 21-Steve Pisani

**Coach** – Pietro Ghedin

**Referee** – Jacob Kehlet (Danimarka)

**Assistenti** – Henrik Larsen, Heine Sorensen (Danimarka)

**Raba' Uff.** – Michael Tykgaard (Danimarka)

**Ammonit** – R. Fenech (M)



F'partita validda mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018, Malta sofriet it-tmien telfa minn daqstant partiti meta din id-darba sfat megħluba mill-Iskozja, bl-iskor ta' 2-0, f'Hampden Park.

It-team Malti ta wirja qalbiena f'partita ferm diffiċli kontra l-Iskozja li kienu determinati li jiksbu t-tliet punti biex jibqgħu fit-taqtiegħa għat-tieni post fi Grupp F.

Fil-bidu tal-ewwel taqsima, l-Iskoċċiżi ħarġu fuq l-attakk bil-konsegwenza li skorjaw kmieni biex ħasdu lill-Maltin.

Iżda minkejja li l-Maltin bdew isibuha diffċili fil-fażi offensiva, id-difiża kienet kumpatta u organizzata, tant, li bdiet "tifga" l-furja tal-Iskoċċiżi li minkejja li dehru fiżikament aħjar, kienu ferm neqsin mit-teknika.

Kien hemm mumenti fejn il-Maltin ħarġu mid-difiża iżda qatt ma setgħu jagħmlu xi forma ta' ħsara minħabba li Alfred Effiong kien wisq iżolat.

Fit-tieni taqsima, l-Iskoċċiżi skorjaw goal kmieni li prattikament issiġilla r-rebħa.

Sa mis-suffara inizjali, l-Iskoċċiżi mill-ewwel xeħtu kollox fuq l-offensiva u fis-seba' minuta, ħarġa ħażina tal-goalkeeper Andrew Hogg, ippermettiet lil James McArthur ivenven xutt li deher destinat għar-rokna tax-xibka iżda l-ballun ġie mblukkat minn Zach Muscat.

Żewġ minuti wara, l-Iskoċċiżi fetħu l-iskor meta mill-corner mogħti minn Leigh Griffiths, CHRISTOPHE BERRA xeħet fix-xibka bir-ras minkejja li kien issikkat minn Sam Magri.

Fl-14-il minuta, l-Iskoċċiżi taw l-impressjoni li rduppjaw meta Andy Robertson għadda lejn Armstrong li kien ġej bil-ġirja u fajjar xutt li għeleb għal kollox lil Andrew Hogg iżda l-ballun ħabat man-naħa ta' barra tax-xibka.

Fil-21 minuta, Griffiths għadda lejn James Forrest fuq il-lemin li daħal fil-kaxxa u l-cross fil-baxx tiegħu ġie newtralizzat f'corner mid-difensur Malti Sam Magri bil-ballun iħakkek ma' sieq il-lasta.

L-ewwel taqsima ntemmet b'xutt imdawwar minn Matthew Phillips li sab lill-goalkeeper Malti attent biex żamm il-ballun milli jidħol fir-rokna tax-xibka.

It-tieni taqsima, fetħet bit-tieni goal Skoċċiż, meta appena għaddew erba' minuti, attakk korali spiċċa b'Andrew Robertson jixħet cross li sab lid-difiża Maltija wieqfa biex mill-viċin James Morrison laqat sieq il-lasta u mir-rebound LEIGH GRIFFITHS kompla għal ġewwa minn pożizzjoni dubjuża ta' offside.

Ħames minuti wara, il-goalkeeper Malti kien providenzjali meta dawwar f'corner lx-xutt fil-baxx ta' Griffiths. Fis-66 minuta, l-istess player qata' għal kollox lid-difiża Maltija u b'ħarba veloċi fuq il-lemin ipprova jipplejsja l-ballun fir-rokna tax-xibka iżda Hogg irreċiproka b'save tajjeb.

Fil-75 minuta, waslet l-ewwel azzjoni Maltija meta x-xutt ta' Joseph Zerafa ġie milqugħ parzjalment minn Craig Gordon iżda Alfred Effiong naqas li jikkonkludi mir-rebound.

Fil-81 minuta, kien Sam Magri li nxteħet quddiem Armstrong f'tarf il-kaxxa biex evita goal ċert.

# Malta determinata li tikseb l-ewwel punti kontra l-Litwanja







**Malta se tkun qed tagħmel minn kollox biex tikseb l-ewwel punti tagħha fir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018, meta nhar il-5 ta' Ottubru, taffronta lil-Litwanja fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali.**

Tmien logħbiet diffiċli għal pajjiżna fissru li ma ksibna l-ebda punt iżda t-tamiet huma qawwija li t-team nazzjonali jista' tabilħaqq jikseb l-ewwel punti hekk kif se jilgħab f'daru għall-aħħar darba f'din l-edizzjoni.

Wara l-konfront kontra l-Litwanja, Malta, tagħlaq bl-impenji tagħha minn dan il-grupp bl-aħħar partita kontra s-Slovakkja, fit-8 ta' Ottubru, f'Trnava.

Il-fatt li Malta għadha mingħajr punti ma tagħtix stampa ċara tal-wirjiet li kellhom il-players tagħna fejn affrontaw avversarji diffiċli taħt il-gwida tal-coach Taljan, Pietro Ghedin. Il-Maltin ipproduċew prestazzjonijiet denji u qalbiena f'ħafna mil-logħbiet iżda qatt ma rnexxielhom jiksbu xi punti.

Il-logħba tant mistennija kontra l-Ingilterra, fl-1 ta' Settembru, li ġibdet lejn l-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, eluf ta' partitarji, hija eżempju ċar. Dan hekk kif b'determinazzjoni kbira sa mit-tisfira inizjali tar-referee, il-Maltin kienu għadhom fil-logħba sa ħames minuti mit-tmiem, iżda mbagħad tliet goals għall-Ingliżi fissru rebħa kbira għat-team immexxi mill-coach Gareth Southgate.

It-team nazzjonali Malti mbagħad ivvjaġġa lejn Glasgow, fejn affronta lit-team nazzjonali Skoċċiż li qed jaspira li jikseb it-tieni post fi Grupp F hekk kif jinsab flimkien mas-Slovenja b'total ta' 14-il punt, wieħed aktar mis-Slovakkja u sitta anqas mill-Ingilterra li għandhom 20 punt u jinsabu fil-quċċata tal-klassifika.

Goals fil-fażi inizjali ta' kull taqsima kkastigaw lill-Maltin għal telfa ta' 2-0 f'Hampden Park, nhar l-4 ta' Settembru li għadda. Meta għad fadal biss żewġ logħbiet oħra ta' kwalifikazzjoni, il-players Maltin huma konxji mill-fatt li l-akbar ċans tagħhom li jiksbu l-ewwel punti f'dan il-grupp huwa proprju kontra l-Litwanja, fl-Istadium Nazzjonali.

Madankollu, żgur li dan mhux se jkun konfront faċli għall-Maltin hekk kif il-Litwani urew biċ-ċar li huma ostaklu diffiċli. Huma għandhom ħames punti minn tmien partiti wara li għelbu lil Malta b'żewġ goals tard fil-logħba, f'Vilnius, matul is-sena li għaddiet waqt li kisbu draw ta' 2-2, ġewwa darhom, fis-Slovenja u draw ieħor ta' 1-1 barra minn darhom kontra l-Iskozja.

B'hekk il-Maltin iridu jkunu fl-aqwa forma possibbli biex jegħlbu l-isfida tal-Litwanja u permezz tas-sapport tal-partitarji Maltin, huma jistgħu tabilħaqq jiksbu riżultat pożittiv.

**Il-prezzijiet tal-biljetti għal-logħba kontra l-Litwanja:**

West Stands A & C - €25
Millennium Stand - €15
Tfal taħt it-12-il sena - bla ħlas

**Dawn jistgħu jinxtraw minn:**

L-uffiċċji tal-MFA – Millennium Stand, Ta' Qali
L-uffiċċju tal-KSU – l-Universitá
Lion King Stationers – Gwardamangia
Matrix – Triq ir-Repubblika, Valletta
Matrix – Triq il-Kbira, Paola
Matric – Skyparks, Malta International Airport
Teamsport – Iklin
Star Tourist Services – Bugibba
L-uffiċċju tal-GFA – Xewkija, Għawdex
Online – www.mfa.com.mt

## KAMPJONAT EWROPEW UNDER 21

# Żewġ telfiet drammatiċi għall-Maltin



Fiż-żewġ logħbiet li ntlagħbu dan ix-xahar mir-round preliminari tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena, it-team nazzjonali Malti safa megħlub bl-iskor identiku ta' 2-1 kontra Ċipru u l-Ungerija biż-żewġ goals jiġu maqlugħa proprju fil-ħin miżjud.

**1 ta' Settembru, 2017**
**Ċipru ............2**
**Malta ............1**

L-ewwel partita ntlagħbet fl-AEK Arena, f'Larnaca. It-team immexxi mill-coach Silvio Vella, kellu wirja sodisfaċenti fejn kien hemm mumenti li fihom rebaħ l-inizjattiva u fejn ħoloq ukoll bosta ċansijiet biex, fl-34 minuta, meritatament, fetaħ l-iskor minn JEAN BORG.

Iżda sebа' minuti wara, l-avversarji kisbu d-draw minn RAFAEL ANASTASIOU biex iż-żewġ timijiet daħlu jistrieħu f'parità.

It-tieni taqsima kienet waħda bilanċjata b'ħafna mil-logħob ikun konċentrat f'nofs il-ground u bl-attakki lejn il-lasti avversarji jkunu kemmxejn iżolati.

U meta kollox deher li l-logħba kienet se tispiċċa fi draw, Ċipru ħadu t-tliet punti meta, fit-93 minuta, THODOROS IOSIFIDIS għeleb lil Jake Galea minn kontrattakk.

Ċipru: Andreas Christodoulou, Antreas Karo, Christos Wheeler, Rafael Anastasiou, Kyriakos Panagi, Georgios Christodoulou (Antonis Koumis 76), Nikolas Matthaiou (Thodoros Iosifidis 60), Ioannis Pittas, Marios Illia (Andreas Komodis 46), Panagiotis Artymatas, Costas Soteriou - Coach: Nicos Andronicou

Malta: Jake Galea, Jean Borg, Kurt Zammit, Karl Micallef, Dunstan Vella, Matthew Guillaumier (Zach Scerri 83), Joseph Mbong, Jake Grech, Kyrian Nwoko, Jurgen Degabriele (Aidan Friggieri 88), Myles Beerman - Coach: Silvio Vella

Referee: Stefan Apostolov (Bulgarija)

Assistenti: Aleksandar Atanasov, Deniz Sokolov (Bulgarija)

Raba' Uffiċjal: Nikola Popov (Bulgarija)

Ammoniti: P. Artymatas, C. Soteriou, T. Iosifidis (Ċ); J. Mbong (M)

**5 ta' Settembru, 2017**
**Ungerija ........2**
**Malta ............1**

It-tieni partita f'temp ta' erbat ijiem mill-istess kompetizzjoni kienet dik kontra l-Ungerija li ntlagħbet fil-Gyirmoli Stadium, fil-belt ta' Gyor.

Bħal-logħba kontra Ċipru, il-wirja qalbiena tal-Maltin ġiet imtappna fil-ħin miżjud hekk kif dan il-konfront deher li kien se jintemm fi draw iżda ħrigna telliefa bl-iskor ta' 2-1.

Interessanti huwa l-fatt ukoll li l-ewwel telfa bl-istess riżultat ta' 2-1 seħħet f'Marzu li għadda kontra l-Belġju ... biex b'hekk, it-tliet logħbiet li lgħabna s'issa tlifnihom bl-iskor ta' 2-1.

Kienu l-Ungerija li marru minn fuq b'goal ta' BENCE BIRO (16) iżda tliet minuti wara MYLES BEERMAN (19) kiseb id-draw minn azzjoni personali meta qabeż tliet avversarji qabel xeħet il-ballun fir-rokna tas-saqaf tax-xibka. Bit-tama li konna se niksbu l-ewwel punt minn dan il-grupp, l-Ungeriżi "serqu" din ir-rebħa meta proprju BENCE LENZSE, skorja l-goal tar-rebħa fil-91 minuta.

Ungerija: Patrik Demjen, Bence Toth, Bence Lenzser, Akos Kecskes (c), Mate Vida, Gabor Makrai (64 Norbert Kundrak), Bence Biro, Attila Szalai (78 Csaba Spandler), Kornel Csernik (82 Mark Koszta), Dominik Szoboszlai, Donat Zsotes.

Malta: Jake Galea, Jean Borg, Kurt Zammit, Karl Micallef, Dunstan Vella, Matthew Guillaumier, Joseph Mbong, Jake Grech (c), Kyrian Nwoko (90 Aiden Friggieri), Jurgen Degabriele (86 Zachary Scerri), Myles Beerman.

Referee: Juri Frischer (Estonja).

Assistenti: Aron Harsing, Veiko Motsnik (Estonja). Raba' Uffiċjal: Siim Rinken (Estonja).

Ammonit: K. Nwoko (M)

FUTSAL

# Luxol St Andrew's jirbħu s-Super Cup

ritratti: Joe Borg

Wara sajf mill-aktar eċċitanti, Luxol St Andrew's kisbu suċċess ieħor u l-ewwel wieħed għal dan l-istaġun il-ġdid meta fil-finali tas-Super Cup, ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 9-3 kontra Hamrun Tre Angeli, li min-naħa tagħhom kienu avversarji denji.

Kienu l-istess Ħamruniżi li ħasdu lil kulħadd, meta wara biss ħames sekondi marru fil-vantaġġ permezz tal-captain Jason Mifsud. Minuta u nofs wara, il-Brażiljan (ex Hamrun) Rogerio dos Santos ġab l-iskor indaqs għal Luxol. Emil Raducu, Glenn Bonello u George Frendo komplew ikabbru l-iskor għal 4-1 qabel tmiem l-ewwel taqsima.

Fl-ewwel żewġ minuti tat-tieni taqsima, reġa' kien Rogerio dos Santos li għaqqad tripletta u kompla jkabbar l-iskor favur Luxol. Il-Brażiljan ta' Hamrun, Everton dos Santos, reġa' daħħal lit-team tiegħu fil-logħba permezz ta' doppjetta. Luxol aċċertaw mir-rebħ ta' din il-finali b'goals oħra minn Emil Raducu, Mark Zammit u Żvezdan Vukovic.

Wara dan il-konfront, il-viċi president tal-MFA, Matthew Paris, flimkien mas-Sinjura Mireille Vella mill-Eżekuttiv tal-FMA, ippreżentaw il-midalji liż-żewġ timijiet finalisti.

Fl-aħħarnett il-captain ta' Luxol, Mark Zammit, ġie ppreżentat bis-Super Cup fost il-ferħ ta' sħabu l-players u l-partitarji.









# L-MFA tirrivedi l-prezzijiet tal-biljetti tas-settur "Millennium F" għall-kompetizzjoniet domestiċi




Il-Malta Football Association qiegħda kull ma tmur tfittex modi kif tista' tħeġġeġ aktar nies biex jattendu għal-logħob fl-Istadium Nazzjonali, biex b'hekk anke tiżdied il-popolarità tal-football Malti.

Bħala parti minn dan l-impenn kontinwu, l-MFA rrivediet il-prezzijiet tad-dħul għas-settur Millennium F tal-Istadium Nazzjonali għall-kompetizzjonijiet domestiċi.

B'effett immedjat, il-prezz tad-dħul għall-adulti fis-settur Millennium F tnaqqas għal €4, li jfisser nofs il-prezz normali tal-biljett tad-dħul fil-West Sector.

Il-prezz tad-dħul għal tfal taħt it-12-il sena se jkun ta' €1 filwaqt li timijiet li jirrappreżentaw il-Youth Nurseries tal-clubs lokali jingħataw aċċess bla ħlas fis-settur Millennium F wara li jkunu infurmaw lid-Dipartiment tal-Matchday Operations fi ħdan l-MFA dwar dan.

Il-membri tan-nurseries li jibbenefikaw minn din l-offerta jridu jilbsu il-kit uffiċjali tan-nursery u jkunu akkumpanjati minn coach awtorizzat.

Persuni li għandhom 'il fuq minn 60 sena jħallsu biss €2 meta jippreżentaw il-Kartanzjan.

Il-prezzijiet riveduti għas-settur Millennium F ġew approvati b'mod unanimu mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MFA.

"Il-prezzijiet tal-biljetti riveduti għas-settur Millennium F għandhom jinkoraġġixxu aktar partitarji, speċjalment familji, biex jiġu l-Istadium Nazzjonali u jaraw logħbiet mill-kompetizzjonijiet domestiċi tagħna," qal is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Angelo Chetcuti

"Filwaqt li huwa fatt magħruf li l-partitarji akkaniti jippreferu joqogħdu fil-West Stand għal-logħbiet tal-clubs tagħhom, il-Millennium Stand huwa aktar assoċjat ma' partitarji newtrali u familji.

"B'dan f'moħħna, ħassejna li kienet meħtieġa reviżjoni tal-prezzijiet tal-biljetti għad-dħul fis-settur Millennium F."

Ir-reviżjoni tal-prezzijiet tad-dħul għas-settur Millennium F mhix l-ewwel inizjattiva meħuda mill-MFA fl-aħħar xhur biex tiżdied l-attendenza għal-logħob tal-BOV Premier League u l-FA Trophy (sponsorjata minn BOOST Diesel) li wkoll ġġib magħha vantaġġi finanzjarji għall-clubs tagħna.

Dan l-istaġun ra wkoll l-introduzzjoni tal-bejgħ tas-season tickets direttament mill-clubs tal-BOV Premier League bl-appoġġ tal-MFA.

L-MFA u l-Premier Division Standing Committee (PDSC) qablu wkoll li jħallu lill-clubs ifasslu huma l-prezz tas-season ticket tagħhom.

Dan huwa kunċett ġdid għall-football Malti li jista' jiġi żviluppat u mtejjeb fil-futur.

Matul is-sajf, l-MFA wettqet xogħlijiet ta' tisbiħ f'diversi żoni tal-Istadium Nazzjonali, inkluża d-daħla ewlenija għall-Millennium Stand u t-tunnel tal-players.

Reċentament, l-MFA fetħet ukoll it-Trophies Lounge. Din it-Trophies Lounge, li tinsab fit-tieni sular tal-Millennium Stand, hija mgħammra b'bar u screens tat-televiżjoni fejn il-membri u l-mistednin jistgħu jsegwu wkoll avvenimenti oħra f'ambjent modern u komdu fil-ġranet tal-logħob.

Għall-miżata annwali, il-membri tat-Trophies Lounge għandhom siġġu garantit fiż-żona VIP tal-Millennium Stand għal-logħbiet domestiċi u internazzjonali.



# Isir is-Seminar Annwali tar-referees:
## Ngħollu l-livell ilkoll flimkien

Għat-tieni sena konsekuttiva d-Dipartiment tar-Refereeing fi ħdan l-MFA organizza seminar fuq tlett ijiem f'The Westin Dragonara Resort, San Ġiljan, bi tħejjija għall-istaġun 2017/18 li għalih attendew l-uffiċjali kollha fis-settur tar-refereeing – madwar 150 parteċipant li jinkludu referees u assistenti referees minn kull kategorija, osservaturi tar-referees, am-ministraturi u staff tekniku.

Fl-introduzzjoni tiegħu, Id-Direttur tar-Refereeing Kevin Azzopardi, sostna li din kienet sena ta' esperjenzi differenti (kemm pożittivi kif ukoll inqas pożittivi, sew waqt il-partita nfisha jew lil hinn minnha) fl-istruttura l-ġdida tar-refereeing li fil-biċċa l-kbira tagħha rendiet ir-riżultati mixtieqa, u għal dan irringrazzja lill-uffiċjali u lill-osservaturi tar-referees kollha – kien tassew kburi b'dak il-grupp ħabrieki.

L-istaġun li għadda total ta' 64 uffiċjal u 15-il osservatur tar-referees ġew appuntati barra minn Malta, inkluż fi skambji ta' referees ma' pajjiżi diġà stabbiliti u għall-ewwel darba mal-Kosovo u l-Albanija, u hemm ħsieb għal skambji prospettivi; is-Seminar tal-Ftuħ tat-Talent & Mentor seħħ għall-ewwel darba f'Cologne, il-Ġermanja, u l-preparazzjonijiet diġà bdew għall-programm tas-sena d-dieħla; il-budget operattiv ser jiżdied ... u ċ-ċirasa fuq il-kejk ser ikunu l-Kors tal-UEFA tar-Referees ta' Jannar u l-Kors tal-UEFA f'April li l-MFA ser tieħu ħsieb tospita qabel l-għażla finali min minnhom jingħażlu biex jikkontrollaw il-partiti mit-Tazza tad-Dinja 2018 fir-Russja.

Kevin Azzopardi qal ukoll li wara t-tema tas-sena l-oħra 'Aktar b'Saħħitna Lkoll Flimkien', qed jirnexxielna nilħqu livelli ogħla, bħal bil-partiti li r-referees qed jingħataw biex imexxu, li għandu jimmotivahom jipprijoritizzaw it-titjib tal-ħiliet tekniċi tagħhom billi "Ngħollu l-Livell Ilkoll Flimkien" – fid-dawl ta' dan, appella biex ikun hemm attitudni pożittiva, li tagħmel dan is-seminar esperjenza pjaċevoli ta' tagħlim.

Is-seminar infetaħ uffiċjalment mis-Segre-tarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat, Clifton Grima, li qal li l-komunità lokali tar-refereeing qed tagħmel ġieħ lil Malta fl-aktar sport popolari madwar id-dinja; irringrazzja lid-Dipartiment tar-Referees għall-organizzazzjoni ta' livell għoli ta' dan is-seminar u kien kunfidenti li ser iqum għall-okkażjoni u jospita b'suċċess il-korsijiet tal-UEFA. Għamel referenza għal-leġiżlazzjoni proposta li għandha tgħin lill-partijiet interessati jirnexxu u tgħin lill-pubbliku jara li l-isport tagħna qed jintlagħab b'mod ġenwin. Ir-referees huma dawk li jżommu l-ordni waqt il-logħob. Huwa esprima l-gratitudni tiegħu għax-xogħol li qed isir taħt id-direzzjoni ta' Kevin Azzopardi biex jgħollu l-livell ilkoll flimkien.

**Il-kontirbut ta' Jorn West Larsen**

Fl-ewwel taħdita tiegħu, Jorn West Larsen, Osservatur tar-Referees mal-UEFA u coach tal-CORE, iffoka fuq Sinjali mill-Kors RAP tal-UEFA/FIFA 2017 – b'rabta mal-Filosofija tal-UEFA CORE, fosthom li r-referees nisa madwar l-Ewropa kollha hemm bżonn jiġu mtejba u appoġġati u li l-UEFA permezz tal-CORE trid toħloq network ta' uffiċjali żgħażagħ għal livell internazzjonali (s'issa proġett ta' suċċess). Huwa ħa l-okkażjoni biex jirrimarka dwar kif l-aħbar tas-Seminar tat-Talent & Mentor li sar fil-Ġermanja ħallietu sorpriż b'mod pożittiv, li turi li hemm viżjoni fit-tul f'konformità ma' dik tal-UEFA.

Huwa enfasizza b'mod partikolari fuq: li tkun taf ir-Regoli tal-Logħba tajjeb; li tkun fiżikament tajjeb; li tkun kapaċi tikkontrolla l-partita permezz ta' miżuri dixxiplinari tajbin u li taqra l-logħba tajjeb billi tantiċipa, tikkonċentra, tkun taf x'qed jiġri u tippożizzjona ruħek tajjeb f'kull ħin u kull mument.

Huwa ttratta wkoll 'Li Tkun Dak li Jik-kontrolla Logħba', b'enfasi partikolari fuq



il-ħiliet bażiċi li għandu jkollu referee elite; x'jagħmel u x'ma jagħmilx referee; l-approċċ psikoloġiku; id-differenza bejn tikkontrolla u tmexxi; u l-ġestjoni tal-players.

Is-Sur Larsen ikkonkluda s-sehem tiegħu f'dan is-seminar billi tkellem dwar il-Konsiderazzjonijiet tal-Handball mal-udjenza preżenti, li min-naħa tagħha involviet ruħha sew meta ġiet biex tiddeċiedi dwar is-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom – bħattaħditiet l-oħra preċedenti, din ukoll kellha l-għajnuna awdjoviżiva b'diversi sitwazzjonijiet meħudin minn diversi partiti.

**Attivitá f'Kemmuna**

Fl-ewwel jum, l-Assistent Diretturi tar-Refereeing Andrè Arciola u Adrian Azzopardi, mexxew eżerċizzju maħsub biex jgħin fil-bini tal-għaqda (team-building); il-parteċipanti ttieħdu bid dgħajjes fuq Kemmuna u fi gruppi żgħar kellhom jiġbru l-informazzjoni minn madwar il-gżira. Dan kien segwit minn ikla organizzata sew u bnina mal-kosta, u vjaġġ ta' ritorn mill-aktar pjaċevoli taħt is-sema ċar u ż-żiffa ħelwa li taf toffri lejla sajfija Maltija.

Il-parteċipanti kollha ġew eżaminati kuljum għall-għarfien tagħhom tar-Regoli tal-Logħba, u b'Test Awdjoviżiv b'diversi sitwazzjonijiet meħudin minn xi partiti li ntlagħbu, bl-analiżi u l-istatistika dwar it-tweġibiet jingħataw l-għada tal-eżami.

Suġġetti oħrajn indirizzati waqt dan is-seminar kienu l-Immaniġġjar tal-Karti Sofor u Ħomor minn Charles Agius, il-Mentoring minn Stephen Mallia u Marco Borg, u l-Aħħar Emendi għar-Regoli tal-Logħba minn Gaetano De Gabriele.

Laqgħat għall-kategoriji differenti ta' uffiċjali saru separatament minn Kevin Azzopardi, Charles Agius u Marco Borg, Adrian Azzopardi u Roberto Buontempo, u Andrè Arciola. Kien hemm inkluża wkoll waħda minn Alexander Arena, Kap tal-Unità tal-Osservaturi tar-Referees speċifikament indirizzata lilhom.

L-Offside ġie ttrattat minn Charles Micallef, Kap tal-Unità tal-Assistenti Referees.

Preżentazzjoni dwar Remote Training ingħatat minn Ronald Zammit, Fitness Coach tar-Referees.

Fl-aħħar jum tas-seminar, is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Angelo Chetcuti, indirizza r-Rappurtar tal-Partiti, primarjament biex joħloq u jżid il-kuxjenza dwar il-kwalità tar-rapport li minnu jittieħdu l-miżuri dixxiplinari; il-viżjoni hija li r-rapport tal-partiti jkun trażmess bħala kopja diġitali.

Huwa ħa l-opportunitá biex jirringrazzja lill-uffiċjali kollha għall-kontribut tagħhom lil-logħba; appella li għandhom ikomplu jikkoperaw u ħeġġeġ lil-livelli kollha tas-sistema sabiex iressqu s-suġġerimenti tagħhom ħalli jibqgħu jtejbuha. Huwa għalaq billi esprima s-sodisfazzjon tiegħu dwar ir-reazzjoni pożittiva li rċieva għall-organizzazzjoni tas-seminar.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, qal li s-sit elettroniku takeaseat.org.mt li tnieda m'ilux mill-MFA (b'appoġġ totali mill-UEFA u l-FIFA) għandu kontenut esklussiv li ma jistax jiġi aċċessat faċilment bħalma normalment isir, u ladarba tirreġistra tista' tibbenefika minn sistema ta' punti.

Rigward ir-refereeing, il-President staqsa: kif tista' tittejjeb l-esperjenza tar-refereeing? Ir-refereeing huwa biss xogħol part-time jew esperjenza ta' ġestjoni kwalitattiva tul il-ħajja? Irrimarka li r-referees huma għażla ta' nies li jitgħallmu l-ħiliet, jaħdmu f'team, jikkomunikaw, jinsabu fuq vjaġġ personali, jiktbu r-rapporti, u jieħdu deċiżjonijiet li jħallu effett dirett fuq ħajtu (tal-President) ladarba jinsabu f'dan kollu lkoll flimkien. Fl-indirizz tiegħu, tkellem dwar il-ħlas tar-referees, dwar is-segretezza tal-partiti li l-uffiċjali jingħataw biex jikkontrollaw, dwar kif ir-refereeing għandu jkun esperjenza pjaċevoli, u dwar il-possibbiltà li r-refereeing isir professjoni full-time. Huwa kkonkluda billi qal li ħa pjaċir li ltaqa' u li indirizza l-fraternità tar-refereeing' fejn fl-aħħarnett sab il-ħin ukoll biex iwieġeb xi mistoqsijiet li sarulu mill-udjenza preżenti.

**Analiżi tal-partiti**

Is-seminar ġie fi tmiemu bl-analiżi tal-partita mill-BOV Premier League li ntlagħbet il-ġurnata ta' qabel bejn Lija Athletic u Gżira United (li għaliha attendew il-parteċipanti kollha) ikkontrollata mir-referee Matthew De Gabriele, l-assistenti referees Dusan Petrovic u Theodore Zammit, u Fyodor Zammit ir-raba' uffiċjal; bit-tlieta tal-ewwel attendew il-kors introduttorju tal-UEFA CORE u li f'Ottubru ser ikunu qed jattendu għall-kors ta' konsolidazzjoni.

Is-Sur Larsen mexxa l-analiżi tiegħu bħalma jsir fil-CORE: l-andament tal-partita diskuss b'mod miftuħ, quddiem l-udjenza kollha, iżda mhux qabel l-uffiċjali jkunu għamlu l-analiżi tagħhom stess.

B'mod informattiv u formattiv ħafna, qajjem u għadda sensiela ta' sitwazzjonijiet (maġġuri u minuri) li seħħew quddiem għajnejn kull min kien preżenti, u li għalhekk setgħu janalizzawhom, u ta l-opinjonijiet u d-deċiżjonijiet meqjusa tiegħu, flimkien mal-parir meħtieġ.

Is-seminar ta' tlett ijiem kien esperjenza ta' tagħlim tajba ħafna għall-uffiċjali, u li jawgura tajjeb għal dan l-istaġun li għadu kif beda ħalli NGĦOLLU L-LIVELL ILKOLL FLIMKIEN!

TAZZA TAD-DINJA 2018

# Malta v Ingilterra

## bir-ritratti

Il-partiti bejn Malta u l-Ingilterra dejjem jibqgħu prestiġjużi minħabba s-sapport qawwi tal-Maltin li għandhom lejn it-timijiet Ingliżi.

Il-konfront li ntlagħab, fl-1 ta' Settembru, ma kienx eċċezzjoni minħabba li l-Istadium Nazzjonali kien ippakkjat bl-ispettaturi.

Iżda minkejja l-wirja qalbiena, il-Maltin ħarġu telliefa bl-iskor ta' 4-0 bl-aħħar ħames minuti kienu detrimentali hekk kif sofrejna tliet goals wara li l-Ingliżi kienu fetħu l-iskor mal-ftuħ tat-tieni taqsima ....



It-team Malti qabel il-partita



Il-goalkeeper ta' Malta Andrew Hogg jippanċja f'attakk tal-Ingilterra



Ryan Fenech u Bjorn Kristensen (Malta) isegwu lil Raheem Sterling (Ingilterra)



Zach Muscat (Malta) jipprova jantiċipa lil Dele Alli (Ingilterra)





Joseph Zerafa (Malta) jipprova jwaqqaf lil Alex Oxlade-Chamberlain (Ingilterra)



Jordan Henderson (Ingilterra) jaqbeż lil Bjorn Kristensen (Malta)





Harry Kane (Ingilterra) mgħasses minn Bjorn Kristensen (Malta)




Il-banner li ġabet l-ammirazzjoni tad-dilettanti tal-football - tislima lill-mascot ta' Sunderland, Bradley Lowrey



Harry Kane (Ingilterra) jgħaddi minn bejn Ryan Fenech u André Schembri (Malta)



# MALTA

Wara - Andrew Hogg, Sam Magri, Andrei Agius, Bjorn Kristensen, Ryan Fenech, Steve Borg
Quddiem - Jean Paul Farrugia, Zach Muscat, Steve Pisani, André Schembri, Joseph Zerafa

Ritratt: Dominic Borg



# INGILTERRA

Wara - Kyle Walker, Jake Livermore, Gary Cahill, Phil Jones, Joe Hart, Dele Alli
Quddiem - Alex Oxlade-Chamberlain, Raheem Sterling, Harry Kane, Jordan Henderson, Ryan Bertrand

Ritratt: Dominic Borg

# Gzira United jimpressjonaw u...

## jaqbżu waħedhom f'ras il-klassifika




**Gzira United .... leaders assoluti b'vantaġġ ta' erba' punti**

Wara li ntlagħbet il-ħames ġurnata tal-Kampjonat BOV Premier, Gzira United qed jillidjaw il-klassifika meta rebħu l-logħbiet kollha tagħhom.

Huma għaddew żewġ testijiet importanti meta għelbu lil Birkirkara (2-0) u lil Hibernians (3-2) u għaldqstant il-pożizzjoni li jinsabu fiha hija mertu tagħhom.

Dan ifisser li minkejja li għadna fil-bidu tal-kampjonat, il-Maroons qed jagħtu indikazzjoni jew aħjar twissija li se jkunu minn fost l-isfidanti ewlenin.

Wieħed irid iqis ukoll li, kuntrarju għas-snin preċedenti, il-punti mhux se jinqasmu aktar b'nofs fit-tieni fażi iżda se jibqgħu jinżammu.

Forsi l-aktar team li ddiżappunta s'issa huma Valletta minħabba li kellhom bidu "kwiet". Bħalissa huma jinsabu ħames punti taħt il-leaders Gzira u ma jaffordjawx iwaqqgħu aktar punti jekk iridu jżommu l-pass minħabba li kull punt jgħodd.

Fil-verità huma jiddominaw għal ħafna ħinijiet lill-avversarji iżda bħal donnhom huma neqsin minn dak l-artiklu komplet li jixħet il-ballun fix-xibka.

Il-Beltin qed jaslu sa tliet kwarti ta' ground iżda qed ikunu wisq statiċi fil-kaxxa avversarja.

Minn ħames partiti huma skorjaw biss erbgħa li tnejn minnhom waslu mill-11-il metru.

Ċertament li dan mhuwiex l-attakk li fil-livell ta' Valletta għandhom jippossjiedu. Il-partiti jintrebħu permezz tal-goals u jekk il-Beltin jistgħu jiftaħru li għandhom l-aqwa difiża jridu jaħdmu aktar fis-settur tal-attakk.

Team ieħor li qed jimpressjona huwa dak ta' Floriana li mingħajr daqq ta' trombi jinsab fit-tieni post.

Immexxija mill-coach Giovanni Tedesco li issa jaf sew il-logħba Maltija, is-settur ta'nofs il-ground qed ikun strumentali ... attiv fil-kostruzzjoni u reattiv biex ikisser il-furja tal-avversarji. Iċ-champions Hibernians jibqgħu dak it-team li kulħadd irid jirbaħ li għad irid jimmatura u jilħaq il-massimu tiegħu.

Mingħajr ma jitnaqqas mill-mertu il-Pawlisti sfaw megħluba minn Gzira United bl-iskor ta' 3-2, bil-goal tar-rebħa għall-Maroons jasal fl-aħħar azzjoni tal-partita hekk kif il-Pawlisti spiċċaw jilagħbu b'disa' players.

Żewġ timijiet li kellhom bidu pjuttost negattiv huma dawk ta' Balzan u Birkirkara li huma meqjusa bħala kandidati denji fl-isfida tar-rebħ tat-titlu.

Infatti l-Karkariżi għamlu bidla fit-tmexxija tat-team iżda xorta waħda bħal donnhom li mhux qed jiffunzjonaw fil-massimu tagħhom.

Min-naħa ta' Balzan, li għandhom aspettattivi għoljin wara li fl-istaġun li għadda spiċċaw fit-tieni post, kien mistenni ħafna aktar minnhom. Iżda minn ħames partiti kisbu biss żewġ rebħiet, draw u żewġ telfiet ... biex jinsabu tmien punti taħt il-leaders.

Sliema Wanderers jinsabu bl-istess ammont ta' punti daqs Balzan. Fil-verità ħadd m'hu qed jippretendi xejn mill-Wanderers iżda b'mod gradwali qed jissetiljaw b'ċans tajjeb li jisfidaw għal post fil-UEFA Europa League.

Is-sorpriża s'issa huma Senglea Athletic. Immexxija mill-coach, Steve D'Amato, għandhom tmien punti u jekk jibqgħu juru l-istess determinazzjoni għandhom ċans kbir li jżommu posthom fil-Premier.

Hamrun Spartans huma dak it-team medju li matul is-sajf bidel bosta players u għaldaqstant iridu jieħdu ż-żmien biex jissetiljaw. In-nukleu ta' playes barranin huwa dak Brażiljan li bħal donnhom għadhom ma ssetiljawx fl-ambjent Maltin.

Imbagħad, jidher li l-ġlieda tar-relegazzjoni se tkun missielta bejn ħames timijiet - Mosta, St Andrew's, Naxxar Lions, Lija Athletic u Tarxien Rainbows.

Fil-verità Mosta jinsabu fl-aħjar pożizzjoni li jsalvaw posthom iżda jinsabu biss ħames punti 'l bogħod mill-aħħar post u għaldaqstant wieħed irid jara kif se jiżvolġu l-konfronti diretti bejn dawn il-ħames timijiet.

ritratti **Christine Borg u Dominic Borg**



Francisco Clavero (Hamrun S.) jaqbeż lil Misahel Gomez (St Andrew's)



Azzjoni bejn Bruno de Brito (Birkirkara) u Ivan Paz (Senglea A.)



Gabriel Aquilina (Sliema W.) jipprova jwaqqaf lil Uros Ljubomirac (Balzan)



Arthur Oyama (Floriana) ittakiljat minn Jacob Walker (St Andrew's)

## I Round

**Logħba Nru 08 - 25.08.2017 - 18.30 hrs**

**St Andrew's** 3
K. Atkinson 25, 86, N. Perry 39
**Balzan** 2
A. Effiong 32, B. Kaljevic 48 pen

HT 1-1 Centenary Stadium

**St Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 22-Tristan Grant, 5-Adrian Borg, 2-Enmy Manuel Pena Beltre, 16-Matthew Gauci, 10-Marcus Grima (17-Jacob Walker 81), 11-Joseph Farrugia, 13-Nehemiah Perry (7-Aidan Jake Friggieri 58), 21-Degran Jackson, 15-Kevaughn Atkinson, 9-Tano Azian (20-Ricardo Martin 58)
Coach – Danilo Doncic
**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 6-Ryan Fenech (30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes 77), 11-Steve Bezzina, 8-Paul Fenech, 86-Bojan Kaljevic, 18-Uros Ljubomirac, 17-Alfred Effiong, 44-Jacob Borg (9-Alex Da Paixao Alves 67), 15-Michael Johnson, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 7-Lydon Micallef (99-Milos Lepovic 46)
Coach – Marco Micovic
Referee – Philip Farrugia
Assistenti – Paul Apap, Ryan Aquilina
Raba' Uff. – Darryl Agius
Ammoniti – J. Borg, E. O. Serrano Valero (B), T. Azian, T. Grant, R. Martin (SA)

## I Round

**Logħba Nru 09 - 25.08.2017 - 18.30 hrs**

**Floriana** 5
M. Fonatella 12, I. Varela 41, 53, S. Pisani 58 pen, M. Vella 63
**Tarxien Rainbows** 0

HT 2-0 Victor Tedesco Stadium

**Floriana** – 12-Ini Akpan, 3-James Baldacchino, 5-Enrico Pepe, 6 Enzo Ruiz, 7-Steve Pisani, 9-Ignacio Varela (30-Dylan Grima 64), 10-Maurizio Vella, 11-Juninho Cabral, 22-Alex Cini (23-Neil Spiteri 78), 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcellina (8-Clyde Borg 60)
Coach – Giovanni Tedesco
**Tarxien R.** – 12-Christian Cassar, 16-André Scicluna, 33-Sean Cipriott, 21-Eduard Calin, 14-Andrew Agius, 11-James Brincat, 15-Luke Grech, 5-Ebiabowe Baker, 22-Ricardo Silva Faria, 9-Matteo Desira Buttigieg (19-Matthew Degiorgio 64), 7-Matthew Brincat (17-Arsene Cilia Mumford 70)
Coach – José Borg
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Roberto Vella, Jurgen Spiteri
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – E. Baker, J. Brincat (TR)
Tkeċċa – E. Baker 57 (TR)

## I Round

**Logħba Nru 10 - 25.08.2017 - 20.45 hrs**

**Senglea Athletic** 0

**Valletta** 1
M. Mifsud 35

HT 0-1 Centenary Stadium

**Senglea A.** – 1-Timmy Aqulina, 4-Jonathan Bondin, 3-Ian Azzopardi, 18-Antonio Terracciano, 8-Matias Garcia, 10-Terence Vella, 23-Miguel Escobar (20-Peter Sammut 46), 9-Nicola Palmieri, 28-Beppe Muscat (2- Hubert Vella 34), 27-Steven Bonnici, 11-Ivan Paz (21- Augusto Rene Case-res 74)
Coach – Steve D'Amato
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 6-Juan Gill Cruz, 8-Santiago Malano, 9-Michael Mifsud (18-Jean Borg 88), 17-Umeh Uchenna Calistus, 19-Joseph Zerafa, 20-Raed Ibrahim Saleh, 90-Romeu Pericles Romao (21-Denni Rocha dos Santos 66), 99-Nikola Asceric (14-Kyrian Nwoko 77)
Coach – Zoran Popovic
Referee – Mario Apap
Assistenti – Chris Francalanza, Peter Abela
Raba' Uff. – Malcolm Spiteri
Ammoniti – J. Gill Cruz (V), P. Sammut (S)

## I Round

**Logħba Nru 11 - 25.08.2017 - 20.45 hrs**

**Hamrun Spartans** 0

**Hibernians** 1
J. Degabriele 57

HT 0-0 Victor Tedesco Stadium

**Hamrun S.** – 1-Steve Sultana, 30-Karl Micallef (4 -Dale Camilleri 77), 6-Daniel Zerafa, 8-Terence Agius (33-Corets Oliveira Gois Pedro Henrique 62), 7-Triston Caruana (10-Julian Galea 77), 5-Tiago Souza Sa Silveira, 16-Guilherme Felipe de Castro, 93-Thiago Espindola de Paula, 17-Arthur Faria Machado, 9-Valerio Gomes dos Santos, 20-Francisco Manoel Marino Clavero
Coach – Jacques Scerri
**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 5-Martin Kreuzriegler, 6-Rui Da Gracia Gomes, 7-Jackson De Lima Siqueira, 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 10-Jurgen Degabriele (22-Joseph Mbong 77), 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla (23-Jorge Elias Dos Santos 56), 20-Andrei Agius, 31-Marco Sahanek (4-Dunstan Vella 86)-
Coach – Mark Miller
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Luke Portelli, William Debattista
Raba' Uff. – Eman Grech
Ammoniti – De Castro, Souza da Silveira; Pedro Henrique (HS), M. Sahanek (H)

## I Round

**Logħba Nru 12 - 26.08.2017 - 18.30 hrs**

**Gzira United** 2
S. Tounkara 68, A. Samb 81
**Birkirkara** 0

HT 0-0 Centenary Stadium

**Gzira U.** – 1-Anthony Curmi, 10-Andrew Cohen (8-Zack Scerri 46), 13-Clifford Gatt Baldacchino, 14-Moises Avila Perez, 16-Karl Pulo, 20-Samba Tounkara (6-Nikolai Muscat 77), 21-Roderick Briffa, 23-Gary Muir, 25-Sem Kamana, 31-Ndubisi Emmanuel Okoye, 77-Amadou Samb (4-Samuel Timmy Ogundare 88)
Coach – Darren Abdilla
**Birkirkara** – 1-Philip Schranz, 3-Renato Camillo Bezerra, 4-Lucas Varone Maia, 6-Matthew Guillaumier (5-Walter Anibale Acevedo 61), 7-Ryan Camenzuli, 11-Kurt Zammit, 13-Martin Klein, 17-Carlos Alberto Da Silva Goncalves Junior (27-Luke Montebello 61), 20-Ernest Webnje N For, 21-Llywelyn Cremona (10-Jake Grech 72), 30-Bruno Fernandez De Brito
Coach – Peter Pullicino
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Martin Borg, Dusan Petrovic
Raba' Uff. – Eman Grech
Ammoniti – M. Avila Perez, Z. Scerri (GU); K. Zammit, L. Varone Maia (B)

## I Round

**Logħba Nru 13 - 26.08.2017 - 18.30 hrs**

**Mosta** 3
D. Xuereb 32, Z. Brincat 44, L. Ferreira 52
**Lija Athletic** 1
D. Leeflang 89

HT 2-0 Victor Tedesco Stadium

**Mosta** – 1-Andreas Vella, 7-Leonardo Ferreira, 22-Tyrone Farrugia, 33-Veronese Thomas, 15-Ivan Maric, 19-David Nworah (6-David Fenech 66), 77-Zac Brincat (8-Kyle Frendo 78), 14-Dexter Xuereb, 4-David Zarate Bilbao, 10-Christian Fernandes, 3-Jonas Ekani
Coach – Johann Scicluna
**Lija A.** – 12-Luke Bonnici, 3-Predrag Babic (23-Aiden Galea, 76'), 4-Leon Muscat, 6-Daniel Scerri, 9-Lee Joe Schembri (8-Aaron Sammut, 72'), 10-Antoine Borg, 11-Abubaker Bello-Osagie, 13-McAllister Clinch, 20-Marcelo de Souza Dias (2-Carl Cassar 63), 24-Ousmane Sidibe, 34-Djamel Leeflang
Coach – Joseph Galea
Referee – Glenn Tonna
Assistenti – Edward Spiteri, Theodore Zammit
Raba' Uff. – Ismael Barbara
Ammoniti – T. Farrugia (M)

## I Round

**Logħba Nru 14 - 26.08.2017 - 20.45 hrs**

**Naxxar Lions** 1
Y. De Jesus Messias 40
**Sliema Wanderers** 5
F. Temile 8, 66, R. Spiteri 12, A. Muscat 82, P. Xuereb 90

HT 1-2 Centenary Stadium

**Naxxar L.** – 27-Omar Borg, 5-Marco Botta, 7-Yuri De Jesus Messias (17-Go Nagaoka 86), 8-Ryan Grech, 9-Manolito Micallef, 10-Darren Falzon, 11-Duane Bonnici (4-Tristan Nappa Licari 59), 13-Ameth Lo, 15-Ryan Gilmour Cassar, 20-Angus Buhagiar, 23-Mark Fenech (16-Jurgen Debono 55)
Coach – Dennis Fenech
**Sliema W.** – 82-Giuseppe Sarao, 33-Stefano Bianciardi, 7-John Mintoff (4-Matias Muchardi 46), 10-Gabriel Aquilina, 17-Peter Xuereb, 14-Frank Temile, 23-Ricardo Calisto Correa (15-Dylan Micallef 63), 8-Mark Scerri (11-Leandro Motta 75), 21-Ryan Spiteri, 2-Alex Muscat, 3-Nikola Gavric
Coach – John Buttigieg
Referee – Matthew Degabriele
Assistenti – Thomas Debono, Sammy Attard
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – R. Grech, D. Falzon (NL), A. Muscat, M. Scerri, G. Aquilina (SW)
Tkeċċa – Ameth Lo 55 (NL)

## I Round

**Logħba Nru 15 - 08.09.2017 - 19.00 hrs**

**St Andrew's** 1
D. Jackson 62
**Hamrun Spartans** 2
D. Zerafa 7, G. Felipe de Castro 16

HT 0-2 Centenary Stadium

**St Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 2-Enmy Manuel Pena Beltre, 5-Adrian Borg, 4-Liam Grech (17-Jacob Walker 87), 16-Matthew Gauci, 8-Misael Miranda Gomez (10-Marcus Grima 81), 11-Joseph Farrugia, 19-Martin Davis, 24-Kyle Butler (9-Tano Azian 60), 21-Degran Jackson, 15-Kevaughn Atkinson
Coach – Nenad Veselji
**Hamrun S.** – 22-Jake Galea, 30-Karl Micallef, 6-Daniel Zerafa, 4-Dale Camilleri (8- Terence Agius 74), 7-Triston Caruana, 5-Tiago Souza Da Silveira, 16-Guilherme Felipe De Castro, 93-Thiago Espindola De Paula, 17-Arthur Faria Machado (10-Julian Galea 16) (70-Lydon Micallef 67), 9-Valerio Gomes Dos Santos, 20-Francisco Manoel Marino Clavero
Coach – Jacques Scerri
Referee – Tony Clarke (Irlanda ta' Fuq)
Assistenti – Gavin Andrews, Kristian Hanna (Irlanda ta' Fuq)
Raba' Uff. – Steven Gregg (Irlanda ta' Fuq)
Ammoniti – M. Gauci, K. Butler, L. Grech (SA), T. Caruana, G. F. de Castro (HS)

## I Round

**Logħba Nru 16 - 09.09.2017 - 18.00 hrs**

**Balzan** 0

**Sliema Wanderers** 0

National Stadium

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic 99-Milos Lepovic (6-Ryan Fenech 64), 11-Steven Bezzina, 8-Paul Fenech, 86-Bojan Kaljevic, 18-Uros Ljubomirca, 17-Alfred Effiong (9-Alex Da Paixao Alves 64), 4-Justin Grioli, 15-Michael Johnson, 23-Elkin Serrano Valero, 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes
Coach – Marko Micovic
**Sliema W.** – 82-Giuseppe Sarao, 33-Stefano Biancardi, 4-Matias Muchardi (8-Jonathan Pearson 82), 10-Gabriel Aquilina (18-Edmond Agius 46), 17-Peter Xuereb, 9-Jefferson De Assis, 23-Ricardo Calisto Correa, 8-Mark Scerri, 21-Ryan Spiteri (14-Frank Temille 64), 2-Alex Muscat, 3-Nikola Gavric
Coach – John Buttgieg
Referee – Steven Gregg (Irlanda ta' Fuq)
Assistenti – Kristen Hanna, Gavin Andrews (Irlanda ta' Fuq)
Raba' Uff. – Tony Clarke (Irlanda ta' Fuq)
Ammoniti – Serrano Valero, M. Lepovic, C. Mendes (B); A. Muscat (SW)

## I Round

**Logħba Nru 17 - 09.09.2017 - 18.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 1
A. Benes 90
**Gzira United** 2
A. Samb 34 pen, N. E. Okoye 47

HT 0-1 Victor Tedesco Stadium

**Tarxien R.** – 12-Christian Cassar, 16-André Charles Scicluna, 33-Sean Cipriott (17-Arsene Rye Cilia Mumford 89), 8-Matthew Spiteri, 14-Andrew Agius, 11-James Brincat, 15-Luke Grech, 19-Ryan Darmanin, 22-Ricardo Silva Faria, 20-Artur Benes, 6-Godwin McKay (7-Matthew Brincat 82)
Coach – José Borg
**Gzira U.** – 1-Anthony Curmi, 10-Andrew Cohen, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 14-Moises Avila Perez, 16-Karl Pulo, 20-Samba Tounkara (9-Luca Brincat 84), 21-Roderick Briffa, 23-Gary Muir, 31-Ndubisi Emmanuel Okoye (8-Zack Scerri 59), 55-Andre White, 77-Amadou Samb (6-Nikolai Muscat 75)
Coach – Darren Abdilla
Referee – Malcolm Spiteri
Assistenti – Edward Spiteri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Stefan Pace
Ammoniti – M. Avila Perez (GU); C. Cassar (TR)

## I Round

**Logħba Nru 18 - 09.09.2017 - 20.00 hrs**

**Hibernians** 1
Marco Sahanek 73
**Floriana** 1
Enzo Ruiz 40

HT 0-1 National Stadium

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 5-Martin Kreuzriegler, 6-Rui Da Gracia Gomes, 7-Jackson De Liam Siqueira 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias (19-Johann Bezzina 71), 10-Jurgen Degabriele (22-Joseph Mbong 81), 11-Bjorn Kristensen 23-Jorge Elias Dos Santos, 20-Andrei Agius, 31-Marco Sahanek
Coach – Mark Miller
**Floriana** – 12-Ini Akpan, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg, 9-Ignacio Varela, 10-Maurizio Vella, 11-Juninho Cabral (30-Dylan Grima 69), 22-Alex Cini, 26-Arthur Oyama, 89-Mario Fontanella
Coach – Giovanni Tedesco
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Mitchell Scerri, Martin Borg
Raba' Uff. – Eman Grech
Ammoniti – A. Agius, B. Kristensen, R. Soares (H), M. Vella, S. Pisani, C. Borg (F)

## I Round

**Logħba Nru 19 - 09.09.2017-20.00 hrs**

**Birkirkara** 2
E. Nfor 73 pen, M. Guillaumier 85
**Mosta** 0

HT 0-0 Victor Tedesco Stadium

**Birkirkara** – 1-Philip Schranz, 22-Cain Attard, 10-Jake Grech, 21-Llywelyn Cremona (6-Matthew Guillaumier 61), 7-Ryan Camenzuli, 27-Luke Montebello (2-Edward Herrera 46), 15-Nikola Vukanac, 4- Lucas Maia, 8-Mislav Andelkovic, 30-Bruno Fernandez De Brito (11-Kurt Zammit 78), 20-Ernest Nfor
Coach – Paul Zammit
**Mosta** – 1-Andreas Vella, 7-Leonardo Henrique Ferreira, 22-Tyrone Farrugia, 33-Thomas Veronese, 15-Ivan Maric, 19-David Ifeanyi Nworah, 11-Kurt Magro, 14-Dexter Xuereb(77-Zak Brincat 52), 4-Edison David Bilbao Zarate, 10-Christian Jorge Martins Fernandes (6-David Fenech 90), 3-Jonas Rodriguez Ekani
Coach – Johann Scicluna
Referee – Philip Farrugia
Assistenti – Jurgen Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – R. Camenzuli, M. Guillaumier (B); K. Magro, I. Maric (M)
Tkeċċa – K.Magro 88 (M)

### I Round

**Logħba Nru 20 - 10.09.2017 - 18.00 hrs**

**Lija Athletic** 2
A. Bello Osagie 21, E. Beu 88 pen
**Senglea Ahtletic** 3
N. Palmieri 9, R. Caseres 10, 69

HT 1-2 **National Stadium**

**Lija A.** – 12-Luke Bonnici, 2-Carl Cassar, 4-Leon Muscat, 6-Daniel Scerri, 7-Erjon Beu, 9-Lee Joe Schembri (20-Marcelo De Souza Dias 65), 10-Antoine Borg, 11-Abubakar Bello Osagie, 15-Adrian Caruana (13-McAllister Clinch 70), 24-Ousmane Sidibe, 34-Djamel Leeflang (23-Aiden Galea 84)
**Coach** – Joseph Galea
**Senglea A.** – 19-Timmy Aquilina, 4-Jonathan Bondin, 27-Steve Bonnici, 18-Antonio Terracciano, 8-Matias Garzia, 2-Hubert Vella, 15-Gonzalo Nicolas Virano (10-Terence Vella 58), 9-Nicola Palmieri, 11-Ivan Paz, 21-Rene Caseres (20-Peter Sammut 83), 3-Ian Azzopardi
**Coach** – Steve D'Amato
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – Edward Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – A. Bello Osagie (LA), H. Vella, R. Caseres (SA)

### I Round

**Logħba Nru 21 - 10.09.2017 - 20.00 hrs**

**Valletta** 0
**Naxxar Lions** 0

**National Stadium**

**Valletta** – 1-Henry Bonello, 5-Ryan Camilleri, 6-Juan Gill Cruz, 8-Santiago Malano, 9-Michael Mifsud (16-Jean Borg 62), 10-Matteo Piciollo, 17-Umeh Uchenna Calistus, 19-Joseph Zerafa, 20-Raed Ibrahim Saleh, 23-Claudio Pani, 99-Nikola Asceric (14-Kyrian Nwoko 68)
**Coach** – Zoran Popovic
**Naxxar L.** – 1-Christoph Nicht, 7-Scott James Fenwick, 8-Ryan Grech, 9-Manolito Micallef, 11-Duane Bonnici, 15-Ryan Gilmour Cassar, 17-Go Nagaoka (10-Darren Falzon 68), 19-Daniel Mateo Bustos (16-Jurgen Debono 85), 20-Angus Buhagiar, 23-Mark Fenech, 24-Ndoye Elhadji Ousseynou
**Coach** – Stuart Paul Watkiss
**Referee** – Eman Grech
**Assistenti** – Duncan Sultana, Luke Portelli
**Raba' Uff.** – Trustin Farrugia Cann
**Ammoniti** – J. Zerafa (V), S. Fenwick, A. Buhagiar, N. Elhadji Ousseynou (NL)

### I Round

**Logħba Nru 22 - 15.09.2017 - 19.00 hrs**

**Floriana** 4
M. Fontanella 25, I. Varela 82, 93 pen, E. Ruiz 89
**St Andrew's** 0

HT 1-0 **Centenary Stadium**

**Floriana** – 12-Ini Akpan, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 7 Steve Pisani, 8 Clyde Borg (30 Dylan Grima 46), 9-Ignacio Varela, 10-Maurizio Vella (3-James Baldacchino 88), 22-Alex Cini, 26-Arthur Oyama, 80- Enrico Chiesa, 89-Mario Fontanella (77-Leighton Grech 85)
**Coach** – Giovanni Tedesco
**St Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 2-Enmy Pena Beltre, 5-Adrian Borg, 23-Travis Blagrove, 24-Kyle Butler (16-Matthew Gauci 69), 10-Marcus Grima (8-Misael Miranda Gomez 70), 11-Joseph Farrugia, 17-Jacob Walker Jackson (7-Aidan Friggieri 69), 21-Degran Jackson, 9-Tano Azian, 14-Kevaun Atkinson
**Coach** – Marko Glumac
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Edward Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Stefan Pace
**Ammoniti** – C. Borg, E.Ruiz, S. Pisani, M.Vella (F), D. Jackson, T. Azian, K. Butler, K. Atkinson (SA)
**Tkeċċew** – S. Pisani 33 (F); T. Azian 76 (SA)

### I Round

**Logħba Nru 23 - 16.09.2017 - 18.00 hrs**

**Naxxar Lions** 1
D. M. Bustos 61
**Lija Athleta** 1
L. J. Schembri 34

HT 0-1 **National Stadium**

**Naxxar L.** – 1-Christoph Nicht, 7-Scott James Fenwick, 8-Ryan Grech, 9-Manolito Micallef, 11-Duane Bonnici, 17-Go Nagaoka (10-Darren Falzon 66), 19-Daniel Mateo Bustos, 20-Angus Buhagiar (23-Mark Fenech 46), 24-Ndoye Elhadji Ousseynou, 25-Adrian Cascaval, 29-Arnaud Mendy
**Coach** – Stuart Paul Watkiss
**Lija A.** – 12-Luke Bonnici, 3-Predrag Babic, 4-Leon Muscat, 6-Daniel Scerri, 7-Erjon Beu, 9-Lee Joe Schembri (2-Carl Cassar 82), 10-Antoine Borg, 11-Abubakar Bello Osagie, 13-McAllister Clinch, 24-Ousmane Sidibe, 34-Djamel Leeflang (20-Marcelo De Souza Dias 79
**Coach** – Joseph Galea
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Duncan Sultana, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Eman Grech
**Ammoniti** – N. Elhadji Ousseynou (N), A. Bello Osagie, D. Scerri, D. Leeflang (LA)
**Tkeċċa** – E. Ousseynou 84 (NL)

### I Round

**Logħba Nru 24 - 16.09.2017 - 18.00 hrs**

**Senglea Athletic** 1
N. Virano 85
**Birkirkara** 0

HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Senglea A.** – 19- Timmy Aquilina, 4 - Jonathan Bondin, 27 - Steve Bonnici, 18 - Antonio Terracciado, 8 - Matias Garzia, 2 - Hubert Vella (10 - Terence Vella 73), 15 - Nicolas Virano, 9 - Nicola Palmieri (23- Miguel Escobar 67), 11 - Ivan Paz, 21 - Rene Caseres, 3 - Ian Azzopardi (17 - Jurgen Farrugia 10)
**Coach** – Steve D'Amato
**Birkirkara** – 1 - Philip Schranz, 22 - Cain Attard, 7 - Ryan Camenzuli, 4 - Lucas Maia Veranc (28 - Alexander Nillson 8; 11 - Kurt Zammit 73), 15 - Nikola Vukanac, 6 - Matthew Guillaumier, 8 - Mislav Andelkovic, 30 - Bruno Fernandez De Brito, 10 - Jake Grech, 14 - Mulenna Landry (23 - Brandon Muscat 86), 20 - Ernest Nfor
**Coach** – Paul Zammit
**Referee** – Sandro Spiteri
**Assistenti** – Christopher Francalanza, Peter Abela
**Raba' Uff.** – Mario Apap
**Ammoniti** – H. Vella, N. Palmieri (SA), C. Attard (B)

### I Round

**Logħba Nru 25 - 16.10.2017 - 20.xx hrs**

**Gzira United** 3
A. Samb 21 pen., 77, A. Cohen 92
**Hibernians** 2
M. Kreuzriegler 45, C. Failla 86 pen

HT 1-1 **National Stadium**

**Gzira U.** – 1-Anthony Curmi, 23-Gary Muir, 13-Clifford Gatt Baldacchino (25-Souleymane Diamoutene 69), 30-Sem Kamana, 18-Karl Pulo, 14-Moises Avila Perez, 21-Roderick Briffa, 10-Andrew Cohen, 31-Ndubisi Emmanuel Okoye (6-Nikolai Muscat 80), 20-Samba Tounkara, 77-Amadou Samb (8-Zack Scerri 90)
**Coach** – Darren Abdilla
**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 5-Martin Kreuzriegler, 6-Rui Da Gracia Gomes, 7-Jackson De Lima Siqueira (4-Dunstan Vella 80), 8-Rodolfo Soares, 9-Marcelo Dias, 10-Jurgen Degabriele (22-Joseph Mbong 67), 11-Bjorn Kristensen (13-Clayton Failla 84), 23-Jorge Elias Dos Santos, 20-Andrei Agius, 31-Marco Sahanek
**Coach** – Mark Miller
**Referee** – Philip Farrugia
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Ishmael Barbara
**Ammoniti** – G. Muir, S. Kamana, A. Samb, M. Avila Perez (GU), R. Da Gracia Gomes, M. Dias, J. Dos Santos (H)
**Tkeċċew** – R. Da Gracia Gomes 20, M. Dias 63 (H)

### I Round

**Logħba Nru 26-16.09.2017-20.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 0
**Balzan** 0

**Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S.** – 1-Steve Sultana, 30-Karl Micallef, 6-Daniel Zerafa, 70-Lydon Micallef, 7-Triston Caruana, 5-Tiago Souza De Silveira (3-Jose Mauricio 77), 16-Guilherme Felipe De Castro, 93-Thiago Espindola De Paula, 8-Terence Agius, 9-Valerio Gomes Dos Santos (Philip Chircop 42), 20-Francisco Manoel Marino Clavero (Dale Camilleri 34)
**Coach** – Jacques Scerri
**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 11-Steven Bezzina, 8-Paul Fenech, 86-Bojan Kaljevic, 18-Uros Ljubomirac, 6-Ryan Fenech, 4-Justin Grioli 5-Samir Arab 25), 15-Michael Johnson, 23-Elkin Serrano Valero, 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes (17-Alfred Effiong 46), 9-Alex Da Paixao Alves
**Coach** – Marko Micovic
**Referee** – Matthew Degabriele
**Assistenti** – Roberto Vella, Theodore Zammit
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – D. Camilleri, D. Zerafa (H), J. Grioli, P. Fenech, B. Kaljevic, M. Johnson, E. Serrano Valero (B)
**Tkeċċew** – P. Fenech 59, B. Kaljevic 62 (B)

### I Round

**Logħba Nru 27 - 17.09.2017 - 18.00 hrs**

**Mosta** 3
G. Henshaw 48, L. Ferriera 58, C. Martins Fernandes 60
**Tarxien Rainbows** 1
R. Darmanin 50

HT 0-0 **National Stadium**

**Mosta** – 1-Andreas Vella, 7-Leonardo H. Ferreira, 22-Tyron Farrugia, 33-Thomas Veronese, 15-Ivan Maric, 19-David Ifeanyi Nworah, 77-Zac Brincat, 14-Dexter Xuereb, 4-David Zarate Bilbao (28-Jurgen Grech 87), 10-Christian Martins Fernandes (21-Neil Frendo 85), 9-Godwin Henshaw (8-Kyle Frendo 76)
**Coach** – Johann Scicluna
**Tarxien R.** – 12-Chris Cassar, 16-Andrè Scicluna, 10-Ayrton Azzopardi (14-Andrew Agius 70), 11-James Brincat, 15-Luke Grech, 19-Ryan Darmanin, 22-Ricardo Silva Faria, 33-Sean Cipriott (20-Benes Artur 61), 6-Godwin McKay (8-Matthew Spiteri 76), 5-Ebianowie Baker, 21-Eduard Cain
**Coach** – Josè Borg
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – Edward Spiteri, Thomas Debono
**Raba' Uff.** – Darryl Agius
**Ammoniti** – T. Veronese (M), A. Scicluna (TR)

### I Round

**Logħba Nru 28 - 17.09.2017 - 20.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 0
**Valletta** 1
N. Asceric 14

HT 0-1 **National Stadium**

**Sliema W.** – 1- Glenn Zammit, 33 - Stefano Bianciardi, 4 - Matias Muchardi (18 - Edmond Agius 67), 14 - Frank Temile, 17 - Peter Xuereb, 9 - Jefferson De Assis, 23 - Ricardo Correa, 8 - Mark Scerri, 11 - Leonardo Motta (21 - Ryan Spiteri 81), 2 - Alex Muscat (7 - John Mintoff 41), 3 - Nikola Gavric
**Coach** – John Buttigieg
**Valletta** – 1 - Henry Bonello, 4 - Steve Borg, 5 - Ryan Camilleri, 6 - Juan Gill Cruz, 8 - Santiago Malano, 9 - Michael Mifsud (14 - Kyrian Nwoko 90), 17 - Umeh Uchenna Calistus, 19 - Joseph Zerafa, 20 - Raed Saleh, 23 - Claudio Pani (16 - Jean Borg 77), 99 - Nikola Asceric (10 - Matteo Picciollo 85)
**Coach** – Zoran Popovic
**Referee** – Fyodor Zammit
**Assistenti** – Luke Portelli, Alan Camilleri
**Raba' Uff.** – Luke Portelli, Alan Camilleri
**Ammoniti** – F. Temile, S. Bianciardi, M. Scerri (SW), C. Pani, H. Bonello (V)

### I Round

**Logħba Nru 29 - 22.09.2017 - 19.00 hrs**

**Hibernians** 3
C. Failla 23 pen., M. Sahanek 76, D. Vella 88
**Mosta** 0

HT 1-0 **Centenary Stadium**

**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 5-Martin Kreuzriegler, 22-Joseph Mbong, 7-Jackson Lima (4-Dunstan Vella 77), 8-Rodolfo Soares, 13-Clayton Failla (2-Timothy Tabone Desira 88), 10-Jurgen Degabriele (19-Johann Bezzina 67), 11-Bjorn Kristensen, 23-Jorge Elias Dos Santos, 20-Andrei Agius, 31-Marko Sahanek
**Coach** – Mark Miller
**Mosta** – 1-Andreas Vella, 7-Leonardo Henrique Ferreira, 22-Tyrone Farrugia, 33-Thomas Veronese, 15-Ivan Maric, 19-David Ifeanyi Nworah, 77-Zac Brincat (9-Godwin Henshaw 56), 14-Dexter Xuereb (5-Liam Portelli 78), 4-Edison David Bilbao Zarate, 3-Jonas Eani Rodriguez, 11-Kurt
**Coach** – Johann Scicluna
**Referee** – Matthew Degabriele
**Assistenti** – Dusan Petrovic, Theodore Zammit
**Raba' Uff.** – Fyodor Zammit
**Ammoniti** – E. D. Bilbao Zarate, T. Veronese, T. Farrugia (M), M. Sahanek, B. Kristensen, C. Failla, R. Soares (H)
**Tkeċċa** – T. Farrugia 89 (M)

### I Round

**Logħba Nru 30 - 23.09.2017 - 18.00 hrs**

**Lija Athletic** 0
**Sliema Wanderers** 2
S. Bianciardi 16, J. De Assis 78

HT 0-1 **National Stadium**

**Lija A.** – 1-Jonathan Martinelli, 3-Predrag Babic, 4-Leon Muscat (22-Joaqin Lores Varela 87), 6-Daniel Scerri, 7-Erjon Beu, 9-Lee Joe Schembri (8-Aaron Sammut 81), 10-Antoine Borg, 11-Abubakar Bello Osagie, 13-McAllister Clinch (2-Carl Cassar 77), 24-Ousmane Sidibe, 34-Djamel Leeflang
**Coach** – Joseph Galea
**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 9-Jefferson Mateus De Assis, 11-Leandro Motta (10-Gabriel Aquilina 59), 7-John Mintoff, 17-Peter Xuereb (3-Nikola Gavric 45), 33-Stefano Bianciardi, 18-Edmond Agius, 23-Ricardo Calisto Correa Duarte, 6-Jonathan Pearson, 14-Frank Temile (16-Michele Sansone 82), 13-Frenci Qeros
**Coach** – John Buttigieg
**Referee** – Malcolm Spiteri
**Assistenti** – Alan Camilleri, Paul Apap
**Raba' Uff.** – Matthew Degabriele
**Ammoniti** – F. Temile, G. Aquilina (SW)

### I Round

**Logħba Nru 31 - 23.09.2017 - 18.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 1
R. Darmanin 66
**Senglea Athletic** 1
I. Paz 24

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Tarxien R.** – 12- Christian Cassar, 16-Andrè Scicluna, 10-Ayrton Azzopardi, 11-James Brincat, 15-Luke Grech, 19-Ryan Darmanin (8-Matthew Spiteri 77), 22-Ricardo Silva Faria, 33-Sean Cipriott (99-Matteo Desira Buttigieg 66), 6-Godwin McKay (20-Artur Benes 50), 5-Ebiaowei Baker, 21-Eduard Marian Calin
**Coach** – Josè Borg
**Senglea A.** – Timmy Aquilina, 4-Jonathan Bondin, 27-Steve Bonnici, 18-Antonio Terracciano, 8-Matias Garzia, 15-Gonzalo Nicolas Virano (14-Ryan Dalli 85), 9-Nicola Palmieri (2-Hubert Vella 78), 11- Ivan Paz, 21-Augusto Rene Caseras, 10 Terrence Vella, 19 Julian Leyton
**Coach** – Steve D'Amato
**Referee** – Trustin Farrugia Cann
**Assistenti** – Duncan Sultana, Ryan Aquilina
**Raba' Uff.** – Ishmael Barbara
**Ammoniti** – I. Paz, J. Bondin (SA), E. M. Calin, E. Baker, R. Silva Faria (TR)

## I Round

**Loghba Nru 32 - 23.09.2017 - 20.00 hrs**

**Birkirkara** 3
J. Grech 29, L. Montebello 44, C. Attard 92

**Naxxar Lions** 2
D. Falzon 48, D. Bustos 69

HT 2-0 National Stadium

**Birkirkara** – 1-Philip Schranz, 22-Cain Attard, 14-Mulano Landry, 15-Nikola Vukanac, 3-Martin Klein, 8-Mislav Andelkovic, 6-Matthew Guillaumier, 10-Jake Grech, 30-Bruno De Brito (20-Ernest N'For 79), 27-Luke Montebello (11-Kurt Zammit 83), 7-Ryan Camenzuli (2-Edward Herrera 68)
**Coach** – Paul Zammit
**Naxxar L.** – 1-Christoph Nicht, 7-Scott James Fenwick, 8-Ryan Grech, 10-Darren Falzon, 11-Duane Bonnici, 16-Jurgen Debono, 19-Daniel Mateo Bustos, 20-Angus Buhagiar, 23-Mark Fenech, 25-Adrian Cascaval, 29-Arnaud Mendy
**Coach** – Stuart Paul Watkiss
**Referee** – Stefan Pace
**Assistenti** – Luke Portelli, Sammy Attard
**Raba' Uff.** – Alan M. Sant
**Ammoniti** – B. De Brito, M. Landry (B); J. Debono, D. M. Bustos, A. Buhagiar (NL)

## I Round

**Loghba Nru 33 - 23.09.2017 - 20.00 hrs**

**Hamrun Spartans** 0

**Floriana** 1
M. Fontanella 81

HT 0-0 Victor Tedesco Stadium

**Hamrun S.** – 1-Steve Sultana, 30-Karl Micallef, 6-Daniel Zerafa, 70-Lydon Micallef, 7-Triston Caruana, 4-Dale Camilleri, 16-Guilherme Felipe De Castro, 93-Thiago Espindola De Paula, 8-Terrence Agius (17-Arthur Faria Machedo 70), 3-Marico Jose Marinho, 9-Siraj Eddin Arab (15-Luke Sciberras 90)
**Coach** – Jacques Scerri
**Floriana** – Ini Etim Akan, 3-James Baldacchino, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 8-Clyde Borg (30-Dylan Grima 78), 9-Ignacio Varela, 10-Maurizio Vella, 11-Juninho Cabral (77-Leighton Grech 70), 22-Alex Cini, 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina
**Coach** – Giovanni Tedesco
**Referee** – Clayton Pisani
**Assistenti** – Edward Spiteri, Mitchell Scerri
**Raba' Uff.** – Jurgen Spiteri
**Ammoniti** – C. Borg, E. Marcelina, I. Varela (F), D. Camilleri, L. Micallef (HS)

## I Round

**Loghba Nru 34 - 24.09.2017 - 18.00 hrs**

**St Andrew's** 2
J. Friggieri 13, J. Farrugia 71 pen

**Gzira United** 3
S. Tounkara 31, 51, A. Samb 56 pen

HT 1-1 National Stadium

**St Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 2-Enmy Manuel Pena' Beltre, 5-Adrian Borg (4-Liam Grech 78), 18-Matthew Gauci, 22-Ricardo Martin, 11-Joseph Farrugia, 21-Degran Jackson (17-Jacob Walker 68), 19-Martin Davis, 24-Kyle Butler(8-Misael Miranda Gomez 64), 7-Aidan Jake Friggieri, 14-Kevaun Atkinson
**Coach** Marko Glumac
**Gzira U.** – 1-Anthony Curmi, 23-Gary Muir, 13-Clifford Gatt Baldacchino, 25-Souleymane Diamoutene (30-Sem Kamane 46), 14-Moises Avila Perez, 16-Karl Pulo, 21-Roderick Briffa, 10-Andrew Cohen (6-Nikolai Muscat 88), 20-Samba Tounkara, 31-Ndubisi Emmanuel Okoye (8-Zack Scerri 68), 77-Amadou Samb
**Coach** – Darren Abdilla
**Referee** – Mario Apap
**Assistenti** – Chris Francalanza, Roberto Vella
**Raba' Uff.** – Malcolm Spiteri
**Ammoniti** – A. Samb (GU), M. Gauci, J. Walker (SA)

## I Round

**Loghba Nru 35 - 24.09.2017 - 20.00 hrs**

**Balzan** 2
A. Da Paixao Alves 31, U. Ljubomirac 55

**Valletta** 1
S. Malano 5

HT 1-1 National Stadium

**Balzan** – 32-Ivan Janjusevic, 11-Steve Bezzina, 15-Michael Johnson, 17-Alfred Effiong, 18-Uros Ljubomirac, 6-Ryan Fenech, 5-Samir Arab, 99-Milos Lepovic, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 30-Carlos Eduardo De Fiori Mendes (44-Jacob Borg 82), 9-Alex Da Paixao Alves (19-Jamie Zerafa 90)
**Coach** – Marko Micovic
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri (14-Kyrian Nwoko 72), 6-Juan Gill Cruz, 8-Santiago Malano (21-Denni Rocha Dos Santos 61), 10-Matteo Piciollo, 16-Jean Borg, 17-Umeh Uchenna Calistus, 19 Joseph Zerafa, 20 Raed Ibrahim Saleh, 99-Nikola Asceric
**Coach** – Zoran Popovic
**Referee** – Philip Farrugia
**Assistenti** – Jurgen Spiteri, William Debattista
**Raba' Uff.** – Clayton Pisani
**Ammoniti** – N. Asceric (V), E. O. Serrano Valero, U. Ljubomirac, M. Johnson (B)



David Bilbao Zarate (Mosta) segwit minn Jackson Lima (Hibernians)



Bjorn Kristensen (Hibernians) jahrab il-kustodja ta' Roderick Briffa (Gzira U.)

## Min Qed Jiskorja

**7** – Amadou Samb (Gzira U.).

**4** – Mario Fontanella, Ignacio Valera (Floriana); Samba Tounkara (Gzira U.); Clayton Failla (Hibernians).

**3** – Ryan Darmanin (Tarxien R.).

**2** – Bojan Kaljevic, Uros Ljubomirac (Balzan), Enzo Ruiz (Floriana); Marco Sahanek (Hibernians); Leonardo Henrique Ferreira (Mosta); Daniel Bustos (Naxxar L.), Rene Caseres, Nicola Palmieri (Senglea A.); Frank Temile (Sliema W.); Kevaughn Atkinson (St Andrew's).

**1** – Alfred Effiong, Alex de Paixao Alves (Balzan); Cain Attard, Bruno Fernandes Andrade, Ernest Nfor, Jake Grech, Matthew Guillaumier, Luke Montebello (Birkirkara); Steve Pisani, Mauricio Vella (Floriana); Andrew Cohen, Ndubisi Emmanuel Okoye, Andre White (Gzira U.); Guilherme Felipe de Castro, Francisco Manuel Clavero, Arthur Faria Machado, Pedro Henrique, Daniel Zerafa (Hamrun S.); Andrei Agius, Jurgen Degabriele, Martin Kreuzriegler, Jackson Lima, Dunstan Vella (Hibernians); Erjon Beu, Djamel Leeflong, Abubakar Bello Osagie, Lee Joe Schembri (Lija A.); Zachary Brincat, Cristian Fernandez, Gordon Henshaw, Dexter Xuereb (Mosta); Darren Falzon, Yuri de Jesus Messias (Naxxar L.); Jefferson de Assis, Gabriel Aquilina, Stefano Bianchiardi, John Mintoff, Alex Muscat, Ryan Spiteri, Peter Xuereb (Sliema W.); Matias Garcia, Ivan Paz, Gonzalo Virano (Senglea A.); Joseph Farrugia, Aiden Friggieri, Degran Jackson, Nehemiah Perry (St Andrew's); Artur Benes (Tarxien R.); Nikola Asceric, Santiago Malano, Michael Mifsud, Claudio Pani (Valletta).

**Auto-Goals (1)** – Matthew Spiteri (Tarxien R.) favur Hamrun S. 1-4.



Peter Xuereb (Sliema W.) attakkat minn Claudio Pani (Valletta)

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Gzira U. | 5 | 5 | 0 | 0 | 14 | 5 | 15 |
| Floriana | 5 | 3 | 2 | 0 | 12 | 2 | 11 |
| Hibernians | 5 | 3 | 1 | 1 | 11 | 4 | 10 |
| Valletta | 5 | 3 | 1 | 1 | 4 | 2 | 10 |
| Sliema W. | 5 | 2 | 2 | 1 | 9 | 4 | 8 |
| Balzan | 5 | 2 | 2 | 1 | 6 | 4 | 8 |
| Senglea A. | 5 | 2 | 2 | 1 | 7 | 6 | 8 |
| Hamrun S. | 5 | 2 | 1 | 2 | 6 | 4 | 7 |
| Birkirkara | 5 | 2 | 1 | 2 | 6 | 6 | 7 |
| Mosta | 5 | 2 | 0 | 3 | 6 | 8 | 6 |
| St Andrew's | 5 | 1 | 0 | 4 | 6 | 15 | 3 |
| Naxxar L. | 5 | 0 | 2 | 3 | 4 | 11 | 2 |
| Lija A. | 5 | 0 | 1 | 4 | 4 | 13 | 1 |
| Tarxien R. | 5 | 0 | 1 | 4 | 4 | 15 | 1 |



Taqtiegħa għall-ballun bejn Luke Grech (Tarxien R.) u Rene Caseres (Tarxien R.)



Daniel Bustos (Naxxar L.) jiddefendi l-ballun minn Antoine Borg (Lija A.)


THIAMIN CONTRIBUTES TO NORMAL HEART

Help hearts run smoothly




ATERONON®

FROM THE TOMATO PILL COMPANY

Uniquely absorbable, highly effective LactoLycopene

ONE-A-DAY food supplement

Available from all leading pharmacies

atg medical innovations

REGATTA TAL-VITORJA 2017

# Bormla jiddominaw

## - Il-maltemp iħarbat tmiem il-programm



Bormla fil-vantaġġ fit-tiġrija tal-Pass ta' b'Erbgħa tal-Kategorija B ... f'xita qalila

Friski mis-suċċess tar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien fejn kienu rebħu d-double, jiġifieri, il-Kategorija Open u dik "B", proprju fit-8 ta' Settembru li għadda, Bormla, irrepetew dan is-suċċess biex iddominaw din is-sena kalendarja billi rreġistraw it-tieni double. Għaldaqstant is-sena 2017 se tibqa' mniżżla b'ittri tad-deheb fid-distrett ta' Bormla.

Iżda dan is-suċċess u r-Regatta fiha nnifisha ġew imtappa bil-maltemp li għamel fuq il-Ġzejjer Maltin li fil-Port il-Kbir laħaq il-qofol tiegħu fit-tmien tiġrija biex iż-żewġ tiġrijiet li kien imiss ġew sospiżi b'mod temporanju fejn kulħadd tgerrex biex isib il-kenn mix-xita qalila.

Kawża tal-maltemp, il-preżentazzjoni uffiċjali saret tlett ijiem wara, fil-Kumpless tal-Kottonera li ngħatat mis-Segretarju Parlamentari, Clifton Grima (ara paġni 28-29).

Intant, sa mill-ewwel tiġrija, Bormla taw indikazzjoni tal-potenzjal tagħhom hekk kif rebħu t-tiġrija tad-Dgħajjes tal-Midalji, f'ħin ta' 5'01", bl-ekwipaġġ rebbieħ ikun kompost minn Kieran Zammit, Clive Casha, Dennis Thornton u Jurgen Camilleri, segwiti minn Birżebbuġa u l-Marsa.

Din l-ewwel tiġrija kienet il-preludju tad-dominju Bormliż hekk kif rebħu t-tlieta li kien imiss biex aċċertaw mir-rebħ tal-Aggregate Shield. L-aħħar tiġrija kienet biss formalità, bil-Bormliżi jispiċċaw fit-tieni post ... iżda kisbu total globali ta' 80 punt.

L-ekwipaġġi rebbieħa tat-tliet tiġrijiet kienu William Mifsud, George Frendo u Denzel Mifsud (Frejgatini); Clive Casha u Dennis Thornton (tal-Pass ta' Bi Tnejn) u Maximilian Mamo u Romario Brignone (Kajjikki).

Wara l-maltempata saret l-aħħar tiġrija, dik tal-Pass b'Erbgħa, li ntrebħet mill-Marsa, bl-ekwipaġġ rebbieħ ikun Clifton Camilleri, Jan Tanti, Adrian Schembri, Sven Refalo.

Fil-Kategorija B, Bormla wkoll kellhom bidu qawwi meta rebħu l-ewwel tiġrija, dik tal-Pass ta' bi Tnejn, permezz ta' Ian Attard u Cleaven Falzon, li temmew f'ħin ta' 5'58", segwiti mid-dgħajjes ta' Birżebbuġa u Marsamxett rispettivament.

Fit-tiġrija tal-Kajjikki kien imiss l-aħwa Brignone, Romario u Antoine, biex komplew iżidu l-vantaġġ ta' Bormla fil-quċċata tal-klassifika meta rreġistraw ħin ta' 7'13", segwiti minn Birżebbuġa u Marsamxett.

Huwa rebħu wkoll it-tiġrija tal-Midalji, f'ħin ta' 5'22", bl-ekwipaġġ ikun iffurmat minn Clyde Mizzi, Ian Attard, Cleaven Falzon u Noel Vella, biex sa dak il-ħin kellhom 52 punt quddiem Birżebbuġa li kellhom 20.

Għaldaqstant huma kellhom bżonn biss li jipplejsjaw fit-tiġrija sussegwenti, dik tal-Frejgatini, biex jirbħu x-Shield. Fil-fatt hekk ġara għax spiċċaw fit-tielet post wara l-Isla (Brolyn Genovese, Charvon Gatt u Yarick Agius) li daħlu f'ħin ta' 8'20", segwiti minn Birżebbuġa.

Huma għalqu bil-kbir hekk kif rebħu l-aħħar tiġrija, dik tal-Pass ta' b'Erbgħa, permezz ta' Clifton Camilleri, Jan Tanti, Adrian Schembri u Sven Refalo għal total ta' 80 punt.

# iż-żewġ kategoriji

ritratti: Roger Azzopardi




Bormla jirbħu t-tiġrija tal-Kajjikki fil-Kategorija Open

## Riżultati u Klassifiki

**Kategorija Open**

**Dgħajjes tal-Midalji**
1. Bormla 5'01" (20); 2. Birżebbuġa (12); 3. Marsa (6)

**Frejgatini**
1. Bormla 7'38" (12); 2. Isla (8); 3. Birżebbuġa (4)

**Tal-Pass ta' bi Tnejn**
1. Bormla 6'27" (20); 2. Marsamxett (12); 3. Birgu (6)

**Kajjikki**
1. Bormla 7'05" (12); 2. Isla (8); 3. Marsa (4)

**Tal-Pass ta' b'Erbgħa**
1. Marsa (bla ħin) (24); 2. Bormla (16); 3. Marsamxett (8)

**Klassifika Finali:** 80 - Bormla; 34 - Marsa; 20 - Marsamxett; 16 - Birżebbuġa, Isla; 6 - Birgu; 0 - Kalkara.

**Kategorija B**

**Tal-Pass ta' bi Tnejn**
1. Bormla 5'58" (20); 2. Birżebbuġa (12); 3. Marsamxett (6)

**Kajjikki**
1. Bormla 7'13" (12); 2. Birżebbuġa (8); 3. Marsamxett (4)

**Dgħajjes tal-Midalji**
1. Bormla 5'22" (20); 2. Isla (12); 3. Kalkara (6)

**Frejgatini**
1. Isla 8'20" (12); 2. Birżebbuġa (8); 3. Bormla (4)

**Tal-Pass ta' b'Erbgħa**
1. Bormla (bla ħin) (24); 2. Birżebbuġa (16); 3. Marsamxett (8)

**Klassifika Finali:** 80 - Bormla; 44 - Birżebbuġa; 24 - Isla; 18 - Marsamxett; 6 - Kalkara; 0 - Birgu, Marsa.






Il-qaddiefa tal-Birgu jtellgħu waħda mid-dgħajjes tagħhom





Il-qaddiefa ta' Birżebbuġa jtellgħu waħda mid-dgħajjes tagħhom

# Il-preżentazzjoni tax-Shields u l-unuri l-oħra issir tlett ijiem wara t-Tiġrijiet tal-Vitorja





Waqt il-preżentazzjoni tax-Shields u l-unuri mirbuħa fil-Kategorija Open u dik "B" tar-Regatta tal-Vitorja, kif ukoll tat-trofej u tal-paljijiet li saret fil-Boċċi Drome, fil-Kottonera Sports Complex, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat, Clifton Grima, awgura lil Bormla għas-suċċessi li kisbu.

Is-Segretarju Parlamentari sostna li: "Is-Segretarjat flimkien ma' SportMalta se nkunu qegħdin noħorġu l-id tal-ħbiberija magħkom biex il-kollaborazzjoni li diġà hemm eżistenti, inkomplu nkabbruha għax naħseb li huwa xieraq li nerġgħu nqajmu u nkabbru l-entużjażmu għar-Regatta."

Fit-8 ta' Settembru, taħt xita kontinwa saru t-tiġrijiet tar-Regatta, bil-club ta' Bormla jirbaħ iż-żewġ kategoriji hekk kif rebħu tmienja mill-għaxar tiġrijiet programmati.

Bormla rebħu erba' palijiet tal-ewwel fil-Kategorija Open, u erba' palijiet tal-ewwel fil-Kategorija B.

Din il-preżentazzjoni saret fil-11 ta' Settembru.

ritratti: Pierre Sammut








TABLE FOOTBALL

# Il-Maltin jiksbu riżultati prestiġjużi fil-Kampjonat tad-Dinja fi Franza




**Il-kontinġent Malti tat-Table-Football li ħa sehem fil-Kampjonati tad-Dinja ... flimkien mal-Ambaxxatriċi Maltija għal Franza, Helga Mizzi**

Aktar kmieni dan ix-xahar, il-kontinġent Malti tat-Table Football ħa sehem fil-Kampjonati tad-Dinja li ġew organizzati ġewwa Elancourt, fi Franza, taħt l-awspiċi tal-Federazzjoni Dinjija, il-FISTF.

Il-players Maltin ħadu sehem fi tliet kategoriji għat-timijiet u f'erba' kategoriji tal-logħob individwali.

L-aħjar riżultat ġie miksub mit-team ta' taħt id-19-il sena, fejn dawn waslu sal-finali ta din il-kategorija. Fl-ewwel logħba tagħhom, huma spiċċaw fi draw ta' 2-2 kontra l-Belġju, sofrew telfa ta' 2-0 kontra l-Italja iżda rkupraw tajjeb b'żewġ rebħiet bl-iskor identiku ta' 4-0 kontra Spanja u Franza.

B'hekk wara dawn ir-riżultati, il-Maltin kellhom jerġgħu jilagħbu kontra l-Italja fil-finali. Il-logħba reġgħet kienet kumbattuta u għal ftit ma ħolqux sorpriża, iżda kellhom jikkuntentaw bit-tieni post wara telfa ta' 2-1.

It-team Malti kien kompost min Melvin Barun (captain), Tristan Fenech, Jamie Bonnici u Jurgen Balzan.

Dan ir-riżultat jawgura tajjeb għal dawn iż-żgħażagħ li taħt it-tmexxija ta' Adrian u Alfred Bonnici, ħadmu ferm matul is-sajf biex kienu preparati sew għal din il-kompetizzjoni u l-midalja tal-fidda kienet waħda mertitata għalihom.

It-team tal-Open rebaħ il-grupp b'punti massimi wara li għeleb lir-Repubblika Ċeka, Russja u Spanja, bl-istess riżultat ta' 4-0.

Fil-kwarti-finali, il-Maltin għelbu lil Franza bl-iskor ta' 2-1 f'logħba ferm kumbattuta.

Fis-semi-finali, immexxi mill-captain Hansel Mallia, it-team Malti kien kompost ukoll minn Samuel Bartolo, Massimo Cremona u Angelo Borg.

Fil-veritá kien konfront diffiċli għall-Maltin meta sfaw megħluba mill-Belġju bl-iskor ta' 4-0. Iżda r-riżultat ma jurix l-andament tal-logħba. B'hekk kellhom jikkuntentaw bil-midalja tal-bronż.

It-team tal-Veterani kien kompost min Charles Aquilina (captain), Adrian Bonnici, Mario Camilleri, John Zammit u Jason Pisani.

Huma bdew b'rebħa ta' 4-0 fuq Franza iżda tilfu kontra l-Italja bl-iskor ta' 1-0.

Għaldaqstant, il-konfront kontra l-Iskozja kien wieħed importanti minħabba li kien jiddetermina min jikkwalifika mill-grupp.

Iżda l-Maltin warrbu għal kollox l-isfida tal-Iskoċċiżi biex ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 4-0 u għaldaqstant għaddew mill-grupp bħala t-tieni klassifikati.

Fil-kwarti-finali kontra l-Belġju, il-Maltin bl-ebda mod ma dehru inferjuri, anzi, kienu sfida denja u qasmu l-logħob għal ħafna ħinijiet.

Madankollu, goal fl-aħħar minuti ta r-rebħa lill-Belġjani bl-iskor ta' 2-1.

Fil-kategorija Individwali, kien hemm 14-il player Malti jikkompetu għat-titlu mondjali.

F'dik ta' Taħt il-15-il sena, kien Jamie Bonnici li kkwalifika mill-grupp wara li għeleb players Awtrijaċi u Ingliżi biex ikkwalifika mal-Aħħar 16.

Iżda kellu jbaxxi rasu quddiem it-Taljan Claudio La Torre li eventwalment rebaħ it-tournament mondjali.

Fil-kategorija ta' Taħt id-19-il sena, ħadu sehem tliet players Maltin iżda Melvin Barun u Tristan Fenech waslu biss sal-fażi tal-gruppi.

Min-naħa ta' Jurgen Balzan, avvanza mill-grupp wara li rebaħ players mill-Belġju u l-Italja, iżda ġie eliminat fl-Aħħar 16 wara li tilef kontra t-Taljan, Paolo Zambello.

Il-ħames players Maltin li ħadu sehem fil-kategorija Open, kollha kkwalifikaw mill-grupp rispettiv tagħhom.

Samuel Bartolo u Angelo Borg waslu sal-Aħħar 32. Iżda sfaw megħluba mill-aħwa Awstrijaċi Christian u Alexander Haas.

Hansel Mallia, Derek Conti u Massimo

Cremona kollha avvanzaw sal-Aħħar 16.

Wara li għeleb players minn Franza, il-Brażil u l-Ġermanja, Mallia tilef kontra t-Taljan Luca Colangelo bl-iskor ta' 1-0.

Cremona għeleb players mill-Awstralja, Ġibiltá u Franza iżda tilef kontra t-Taljan, Mato Ciccarelli bl-iskor ta' 3-1.

Conti safa eliminat minn Christian Haas bl-iskor ta' 1-0 wara li għeleb players mir-Repubblika Ċeka, ir-Russja u l-Belġju.

Ħames players Maltin ikkompetew fil-kategorija tal-Veterani, fejn kollha għaddew mill-gruppi rispettivi tagħhom minbarra John Zammit li kellu konfront mill-aktar diffiċli kontra t-Taljan, Patrizio Lazzaretti.

Fl-Aħħar 16, Jason Pisani u Mario Camilleri ffaċċjaw lil xulxin fejn finalment kellu jkun Pisani li jkompli javvanza permezz tal-għoti tal-penalties.

Biex wasal sa dan l-istadju, Camilleri elimina players mill-Ġermanja, il-Ġappun, it-Tuneżija u l-Awstrija.

Charles Aquilina rebaħ il-grupp tiegħu fejn issupera players mir-Russja, Spanja, il-Ġermanja u Wales. Iżda fl-Aħħar 16 tilef kontra l-Awstrijak, Gunther Bamberzky, bl-iskor ta' 1-0.

Adrian Bonnici u Jason Pisani waslu sal-kwarti-finali. Biex wasal sa dan l-istadju, Bonnici elimina players minn Spanja, l-Ingilterra, Greċja u l-Italja, iżda t-Taljan, Gerardo Patruno, waqqaflu l-mixja pożittiva bl-iskor ta' 3-0.

Min-naħa ta' Pisani, dan safa eliminat mill-Ispanjol, Antonio Montano, bl-għoti tal-penalties wara draw ta' mingħajr goals. Fil-mixja tiegħu, huwa rebaħ players minn Ġibiltá, l-Iskozja u l-Greċja.

Matul il-ġurnata tas-Sibt, l-Ambaxxatriċi Maltija għal Franza, Helga Mizzi, flimkien mas-Sinjura Nicole Sarero, żaru lill-kontingent Malti kif ukoll tawhom l-appoġġ tagħhom.

Il-president tal-MTFSA, Joseph Zammit Pavia, ippreżenta l-flokk nazzjonali lill-Ambaxxatrici Maltija, bħala ġest ta' ringrazzjament.

Matul il-ġranet ta' din il-kompetizzjoni saret ukoll il-Laqgħa Ġenerali tal-FISTF.

Din il-laqgħa kienet aktar importanti mis-soltu, peress li kull pajjiż ried jivvota għall-membri tal-Kungress, biex dawn jerġgħu jiġu eletti għal erba' snin oħra.

Il-president tal-MTFSA, Zammit Pavia, żamm il-pożizzjoni tiegħu bħala segretarju u viċi-president f'dan il-Kungress, meta l-pajjiżi kollha preżenti tawh il-fiduċja tagħhom għax-xogħol siewi li jagħmel fi ħdan l-FISTF.

# L-atleta Malti Keith Azzopardi jirbaħ it-titlu Ewropew tal-kickboxing




Il-lightweight champion tal-Ewropa fil-kickboxing huwa Keith Azzopardi, li f'isem Malta rebaħ it-titlu Ewropew tal-World Kickboxing Network (WKN) liema tournament sar fi Franza.

Iċ-champion Malti ta' 24 sena ġġieled bout ta' K1 fil-kategorija Lightweight, b'ħames rounds ta' tliet minuti kull wieħed. Fit-taqtiegħa għat-titlu huwa affronta lill-avversarju Franċiż, Mathias Branchu.

Kienet ġlieda missielta ħafna, imma permezz ta' daqqiet bil-ponn u bis-sieq Azzopardi rnexxielu jolqot lill-avversarju f'rasu u fin-naħa ta' fuq ta' ġismu b'mod ċar u preċiż. Il-qlubija ta' Azzopardi kienet innutata u mfaħħra mill-uffiċjali tal-WKN u minn rappreżentanti magħrufa.

Azzopardi jitħarreġ fil-club Ying Yang – Team Noel ma' Master Noel Mercieca. Fl-ewwel reazzjoni tiegħu Mercieca qal li mhuwiex faċli li wieħed jirbaħ fi Franza li dan il-pajjiż huwa magħruf li minnu joħorġu kickboxers ta' fama mondjali.

Fil-fatt Malta, permezz ta' Azzopardi, kienet l-uniku pajjiż barrani li rebaħ fi Franza, bl-atleti mil-Litwanja, il-Belġju, l-Irlanda ta' Fuq, ir-Repubblika Ċeka u oħrajn tilfu l-ġlidiet tagħhom.

B'kollox Azzopardi issa rebaħ 30 ġlieda, bl-aħħar waħda tkun dik li ttellgħet ix-xahar li għadda waqt il-Gladiators Fight Night, f'Ħal Far, fejn rebaħ fuq avversarju ta' livell għoli mir-Rumanija. Azzopardi huwa wkoll l-ewwel kickboxer Malti li ġġieled u rebaħ fl-Awstralja.

Min jixtieq iktar informazzjoni dwar it-taħriġ offrut mill-Club Team Noel – Ying Yang jista' jagħmel kuntatt mal-Master Noel Mercieca fuq 79208283, iżur is-sit elettroniku http://www.kickboxing.com.mt/ jew il-paġna ta' Facebook Team Noel – Kickboxing Malta.

SNOOKER

# Luca Brecel jirbaħ iċ-China Championship



Luca Brecel bl-ewwel trofew tal-karriera tiegħu

Luca Brecel rebaħ l-ewwel titlu ranking tiegħu meta fil-finali taċ-China Championship li saret fi Guangzhou, għeleb lil Shaun Murphy 10-5.

Il-Belġjan ta' 22 sena, Brecel, irkupra minn 3-1 minn taħt u rebaħ disgħa mill-aħħar 11-il frames kontra l-ex champion tad-dinja, Murphy, biex minbarra t-trofew rebaħ ukoll il-premju ta' £150,000 li huwa l-ikbar wieħed li qatt rebaħ.

Minkejja t-telfa, Murphy, 35 sena, rebaħ is-somma ta' £75,000 u tela' mit-tmienja sal-ħames post fil-lista tar-rankings tad-dinja. B'hekk Brecel sar l-ewwel player mill-Ewropa kontinentali li rebaħ titlu ranking wara li aktar kmieni fil-karriera kien imbassar li jikseb suċċess.

Dan it-trijonf, li għandu l-ikbar premjijiet ta' flus daqs ta' kull avveniment barra r-Renju Unit, żgur li se jgħolli l-profil ta' Brecel fil-Belġju speċjalment meta f'Ottubru, se jsir il-European Masters f'Lommel.

Ir-rebħa ta' Brecel ratu jitla' mis-27 għall-15-il post fir-rankings li tpoġġieh biċ-ċans biex jiddebutta fil-Masters f'Jannar meta jinsab fil-11-il post f'din it-tellieqa.

Huwa għamel ċert ukoll minn post fiċ-Champion of Champions f'Novembru u potenzjalment fil-World Grand Prix u fil-Players Championship aktar tard fl-istaġun.

Kien Murphy li fetaħ vantaġġ ta' 2-0 bi breaks ta' 55 u 68 iżda Brecel għamel 64 b'Murphy jirrispondi b'107 biex sal-mistrieħ kien 3-1 minn fuq. Brecel ma qagħadx lura meta għamilhom 3-3 b'Murphy jagħmel 53 fis-seba' frame iżda Brecel irrisponda b'37 biex mar minn fuq għall-ewwel darba u bil-kunfidenza tiegħu tikber għamel 78 biex illidja 5-3.

L-aħħar frame tas-sessjoni ħa 37 minuta u ġie deċiż fil-kuluri tant li Murphy falla difiża fuq il-kannella u ta ċans lil Brecel biex jikklerja. Iżda wara li ppottja l-kannella u l-blu, falla r-roża fil-pocket ta' fuq b'Murphy japprofitta meta ppottja r-roża u s-sewda biex naqqas id-distakk għal frame wieħed.

Brecel kien 5-4 minn fuq wara l-ewwel sessjoni u rebaħ l-ewwel frame tat-tieni sessjoni bi break ta' 49 waqt li f'dak ta' wara rebaħ taqtiegħa difensiva fuq l-aħħar ħamra u mar 7-4 minn fuq.

Murphy, li kien qed jittama li jirbaħ it-tmiem titlu ranking, naqqas il-marġni bi break ta' 77 u deher li se jkompli jnaqqsu għal 7-6 meta kien fost il-boċċi fuq break ta' 48 fit-13-il frame.

Meta ried biss il-ħamra ta' qabel l-aħħar li kienet mattunella, il-player Ingliż baqa' jħares iddisprat hekk kif il-ħamra ħabtet maż-żewġ naħat tal-pocket u ma niżlitx. Wara, Brecel rebaħ taqtiegħa difensiva fuq l-aħħar ħamra u kklerja l-mejda tant li għafas il-ponn meta sal-mistrieħ kien 8-5 fil-vantaġġ.

Dan żvolġa bħala mument kruċjali hekk kif wara huwa għamilhom 9-5 bi break ta' 49 biż-żewġ players jiżbaljaw fil-15-il frame li kien wieħed nervuż tant li waslu sal-kuluri.

Brecel taħ maskra wara s-safra u miċ-ċans li segwa huwa kklerja sar-roża biex rebaħ it-titlu.

Is-sena l-oħra Brecel tilef fil-German Masters kontra Martin Gould u din is-sena kkwalifika għall-Kampjonat tad-Dinja iżda tilef vantaġġ ta' 7-2 kontra Marco Fu u l-logħba 10-9.

Iżda minflok li dawn it-telfiet tefgħuh lura fil-fatt iktar ispiraw lill-player dotat li jibni breaks kbar biex jaħdem iktar iebes u jżid il-maturitá u titjib fil-logħba difensiva tiegħu.

Fil-ġimgħa li għamel fiċ-Ċina huwa wera kalma kbira meta kien taħt pressjoni u fi triqtu lejn il-finali għeleb lil Ronnie O'Sulliuvan u Li Hang fil-frame deċiżiv.

**Il-frames kollha żvolġew hekk:**

Luca Brecel v Shaun Murphy 10-5 – 2-68 (55), 31-78 (68), 68-15 (64), 0-107 (107), 63-49, 56-19, 77-53 (Murphy 53), 78-5 (78), 54-58, 66-0, 62-30, 1-109 (77), 53-52, 70-30, 61-37.

# Mark Williams jirbaħ is-Six Red World Championship



Mark Williams jiġi ppreżentat bit-trofew

Mark Williams rebaħ is-Sangsom Six Red World Championship għall-ewwel darba meta għeleb lill-favorit lokali Thepchaiya Un-Nooh 8-2 fil-finali li saret f'Bangkok, it-Tajlandja.

In-numru 17 fid-dinja, Williams, iddomina l-finali kontra Un-Nooh u rebaħ ukoll il-premju ta' madwar £81,000.

Dan huwa l-ewwel titlu li rebaħ Williams mindu fl-2015 rebaħ il-Kampjonat tad-Dinja tas-Seniors.

Un-Nooh, li rebaħ dan it-tournament bl-invit quddiem il-pubbliku tiegħu stess sentejn ilu, beda tajjeb bi break ta' 71 biex ħa l-ewwel frame, u wara li saru erba' frames l-iskor kien 2-2.

Iżda ċ-champion tad-dinja darbtejn, Williams, ħa l-kontroll tal-logħba f'idejh tant li rebaħ l-aħħar sitt frames bl-avversarju tiegħu jtella' 30 punt biss f'dan il-perjodu.

"Meta ġejt hawnhekk ma kellix xi tamiet kbar li nirbaħ it-tournament," qal il-player minn Wales, Williams, 42 sena, li dan l-istaġun qed juża metodu ġdid tal-coaching f'tentattiv li jirritorna għall-aqwa tiegħu.

"Tħabatt bis-sħiħ u għalhekk ninsab kuntent li ħriġt rebbieħ. Illum lgħabt l-aħjar tiegħi u ma kontx qed inħares li nagħmel breaks kbar iżda li nirbaħ il-frames.

"Naħseb li matul is-snin qatt ma wasalt iktar mill-Aħħar 16 u għalhekk din il-ġimgħa ssorprendejt lili nnifsi. Irbaħt ħafna flus nilgħab fit-Tajlandja u fiċ-Ċina u sirt vjaġġatur tajjeb."

In-numru 38 tad-dinja, Un-Nooh, qal: Mark lagħab tajjeb ħafna. Ma stajtx nieħu l-ebda ċansjiet u meta fallejt huwa kellu t-tweġibiet kollha."

**Il-frames intrebħu hekk:**

Williams v Un-Nooh 8-2 – 0-71 (71), 49-0, 55-1, 32-37, 39-0, 38-9, 54-0, 50-0 (50), 49-6, 43-15.



# Wirja brillanti minn Yazmin Zammit Stevens fil-Kampjonat Dinji Universitarju




Fil-Logħob Dinji Universitarju ġewwa Taipei, il-weightlifter Maltija, Yazmin Zammit Stevens **(ritratt)**, kellha prestazzjoni eċċellenti fil-kategorija tat-63kg.

Zammit Stevens waqqfet sitt rekords nazzjonali oħra li jfisser li hija kisret 53 rekords nazzjonali fil-karriera tagħha.

Hija spiċċat fid-19-il post fuq livell dinji, fejn irnexxielha wkoll taqbeż atleti mill-Istati Uniti, id-Danimarka, New Zealand, ir-Russja u t-Tajlandja. Il-kompetizzjoni fit-Taipei kienet definittivament l-akbar avveniment s'issa għal Zammit Stevens. Madankollu, kellha kunfidenza tremenda fuq il-pjattaforma.

Fil-parti tas-snatch kienet qed tkun diffiċli wara li t-tieni tentattiv tagħha kien ta' 77kg fejn ingħatat bħala "refgħa tajba" mit-tliet referees tal-kompetizzjoni iżda iktar tard giet mibdula għal "refgħa ħażina" mill-ġurija għall-moviment żgħir fuq wieħed mill-minkeb.

Hija falliet it-tielet tentattiv tagħha fit-78kg li kien ifisser li l-aħjar refgħa tagħha kienet dik ta' 74kg li għamlet fl-ewwel tentattiv (li kienet 2 kg taħt l-aħjar tagħha, u ta' rekord nazzjonali f'din il-klassi tal-piż)

Determinata biex tpatti għall-kilogrammi mitlufa, hija fetħet b'suċċess il-Clean and Jerk b'refgħa eċċellenti ta' 93kg, li kienet 2kg ogħla mill-aqwa tagħha f'din il-klassi tal-piż.

Zammit Stevens eventwalment kompliet tagħmel it-tieni u t-tielet refgħat tagħha fis-96kg u 98kg li fisser li t-tliet refgħat kienu rekords nazzjonali, kif ukoll ġew miksura t-tliet rekords fuq it-total.

Ir-refgħa ta' 98kg mhux biss hija żieda qawwija ta' 7kg fuq ir-rekord preċedenti tagħha, iżda huwa l-aħjar wieħed personali (anke fil-klassijiet ta' piżijiet ogħla) ta' kull żmien.

minn Joe Bajada

# ISSIR IL-PREŻENTAZZJONI ANNWALI

Nhar is-Sibt, 2 ta' Settembru 2017, il-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu organizzat il-Premjazzjoni Annwali tagħha fil-Lukanda Soreda, fil-Qawra, fejn ġew ippremjati ċ-ċiklisti kollha li kklassifikaw fl-ewwel tliet postijiet ta' kull kategorija fiż-żewġ kampjonati - dawk tar-Road Race kif ukoll tat-Time Trial.

Dan minbarra li ġew ukoll ippremjati l-clubs ta' Mosta AF Sign Studio CC u ta' The Cyclist CC rispettivament bil-Club Overall Aggregate Cup u bil-Club Elite Aggregate Cup. Fl-istess serata, ingħataw ukoll tifkiriet liċ-ċiklisti li rebħu midalja f'San Marino.

Bħala mistiedna speċjali għal din l-okkażjoni kien hemm il-President u s-Segretarju Ġenerali rispettivi tal-Union Européenne de Cyclisme, David Lappartient u Enrico Della Casa.

Lappartient, viċi-president u kandidat għall-presidenza tal-Unjoni Internazzjonali taċ-Ċikliżmu, u s-Segretarju Ġenerali Della Casa, kienu fost dawk li ppremjaw liċ-ċiklisti rebbieħa.

Magħhom għamlu premjazzjonijiet oħra, il-president tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, John Zammit, u t-teżorier Daniel Borg Olivier, kif ukoll is-segretarju tal-Kumitat Olimpiku Malti, Joe Cassar u d-direttur Maria Vella Galea.

Waqt diskorsi li saru matul is-serata li kienet ippreżentata minn Joe Bajada, il-president Zammit semma' li David Lappartient kien wieħed miż-żewġ kandidati għall-Presidenza tal-International Cycling Federation, li saret fil-21 ta' Settembru, f'Bergen, in-Norveġja.

Min-naħa ta' Lappartient, huwa qal li din l-elezzjoni ser tkun ukoll waħda storika għal Malta għall-fatt li għall-ewwel darba bħala wieħed mill-15-il delegat li jkollhom id-dritt jivvotaw minn fost il-50 pajjiż membru Ewropew affiljati, huwa s-Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, Joe Bajada, li kien elett f'Marzu li għadda, fi Brussels.

Huwa żied jgħid li din il-kariga torbot għal erba' snin. Ma' dawn il-15-il delegat Ewropew, jingħaqdu wkoll 30 delegat ieħor mill-erba' konfederazzjonijiet l-oħra li huma ACC (Asja), COPACI (Pan America), CAC (Afrika) u l-OCC (Oċeanja).

Imbagħad l-istess Lappartient ippreżenta d-diploma tal-Merit Award lil John Zammit wara li dan kien onorat bil-Merit Award matul l-Assemblea Ġenerali tal-UEC fl-2016, unur li kien mogħti lil Zammit għas-servizz kbir u twil tiegħu lejn iċ-ċikliżmu Malti.

Huwa ppreżenta wkoll tifkira oħra lil Joe Bajada, biex tibqa' mfakkra din il-kariga storika u importanti bħala "voting delegate" fil-Kungress tal-UCI.



Joe Bajada ppreżentat b'tikira biex tibqa' mfakkra l-kariga storika bħala voting delegate fil-Kungress tal-UCI.



John Zammit ippreżentat bid-diploma tal-Merit Award għas-servizz kbir u twil tiegħu lejn iċ-ċikliżmu Malti.



Ir-rebbieħa kollha tal-preżentazzjoni annwali taċ-ċikliżmu 2017

## Ir-rebbieħa kollha ta' din is-sena 2017 kienu:

**ROAD RACE CHAMPIONSHIP 2017**

**Elite**
1. Christian Formosa (The Cyclist CC)
2. Maurice Formosa (The Cyclist CC)
3. Etienne Bonello (Team Greens CC)

**Nisa**
1. Michelle Vella Wood (Team Greens CC)
2. Stephanie Alden (The Cyclist CC)
3. Marion Pullicino (Mosta AF Sign Studio CC)

**Juniors**
1. Nicholas Attard Montalto (The Cyclist CC)
2. Isaac Spiteri (The Cyclist CC)
3. Gianluca Camilleri (Birkirkara St Joseph SC)

**Masters 40+**
1. Ivan Zammit (Birkirkara St Joseph SC)
2. Kelvin Goodwin (Agones SFC)
3. Colin Tabone (Team Greens CC)

**Masters 50+**
1. Joseph Micallef (The Cyclist CC)
2. Kenneth Zammit (The Cyclist CC)
3. Chris Iwanik (Birkirkara St Joseph SC)

**Masters 60+**
1. Emmanuel Camilleri (Mosta AF Sign Studio CC)

**Under 15 Bniet**
1. Christina Spiteri (The Cyclist CC)
2. Veronique Pace Asciak (Mosta AF Sign Studio CC)

**Under 15 Subien**
1. Nikol Micallef (Mosta AF Sign Studio CC)
2. Matthew Galea Pirotta (Mosta AF Sign Studio CC)
3. Malcolm Vassallo (Mosta AF Sign Studio CC)

**TIME TRIAL CHAMPIONSHIP 2017**

**Elite**
1. Etienne Bonello (Team Greens CC)
2. Christian Formosa (The Cyclist CC)
3. Nicholas Micallef (Mosta AF Sign Studio CC)

**Nisa**
1. Michelle Vella Wood (Team Greens CC)
2. Marie Claire Aquilina wkoll (Team Greens CC)
3. Marion Pullicino (Mosta AF Sign Studio CC)

**Juniors**
1. Nicholas Attard Montalto (The Cyclist CC)
2. Isaac Spiteri (The Cyclist CC)
3. Gianluca Camilleri (Birkirkara St Joseph SC)

**Masters 40+**
1. Ivan Zammit (Birkirkara St Joseph SC)
2. Domenic Cutajar (Gozo CC)
3. Geatano Degabriele (Team Greens CC)

**Masters 50+**
1. Nicky Farrugia (Mosta AF Sign Studio CC)
2. Michael Lia (Mosta AF Sign Studio CC)
3. Kenneth Zammit (The Cyclist CC)

**Masters 60+**
1. Emmanuel Camilleri (Mosta AF Sign Studio CC)

**Under 15 Bniet**
1. Christina Spiteri (The Cyclist CC)
2. Veronique Pace Asciak (Mosta AF Sign Studio CC)

**Under 15 Subien**
1. Nikol Micallef (Mosta AF Sign Studio CC)
2. Mika Zammit (Agones SFC)
3. Malcolm Vassallo (Mosta AF Sign Studio CC)

# Żjara fostna minn uffiċjali għolja tal-European Cycling Union

Fl-okkażjoni tal-Premjazzjoni Annwali tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu kien hawn fostna bħala mistiedna speċjali, il-President u s-Segretarju Ġenerali rispettivi tal-Union Européenne de Cyclisme, David Lappartient u Enrico Della Casa.

Matul iż-żjara qasira tagħhom dawn iż-żewġ uffiċjali tal-UEC, akkumpanjati minn John Zammit u Joe Bajada, President u Segretarju Ġenerali rispettivament tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, kellhom laqgħa importanti ħafna mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clifton Grima li kien assistit minn Dr Chris Bonett.

F'din iż-żjara kordjali ħafna, il-partijiet iddiskutew temi relatati mar-rwol ta' Malta fi ħdan il-Federazzjonijiet Internazzjonali taċ-Ċikliżmu, b'mod partikolari l-organizzazzjoni tal-Kampjonat taċ-Ċikliżmu għall-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa li se jsir f'Malta s-sena d-dieħla.

David Lappartient stqarr li dan l-ewwel avveniment għall-Pajjiżi ż-Żgħar kienet idea eċċezzjonali tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, li permezz ta' Joe Bajada kien ressaq mozzjoni waqt laqgħa li kienet inżammet f'San Marino, li kienet approvata b'mod unanimu. Dan il-Kampjonat li mistenni li jġib lejn Malta madwar 150 ċiklist ser ikun jikkonsisti minn Road Race, Time Trial Race, kif ukoll Tiġrija tal-Mountain Bike.

Is-Segretarju Parlamentari, Clifton Grima, wiegħed kull għajnuna possibbli biex dan l-avveniment hekk storiku jkun wieħed ta' suċċess. Fl-aħħarnett, l-istess Dr. Clifton Grima ġie ppreżentat bi flokk li jingħata lic-champions tal-Unjoni taċ-Ċikliżmu Ewropea.



## YOUTH FA

# • Annual Presentation Night
# • Seminar Annwali għan-nurseries
# • Bidu tal-Kampjonati Staġun 2017/18

**Minn Joe Micallef (Segretarju Ġenerali Youth FA)**



Ix-xahar ta' Awissu dejjem kien xahar impenjattiv ħafna għall-Youth FA. Dan għaliex jinżammu żewġ events importanti - il-Presentation Night u l-Annual Seminar - filwaqt li fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu jingħata bidu għall-kampjonati tal-Assoċjazzjoni dawn apparti laqgħat u mpenji oħra preparatorji.

L-Annual Presentation Night saret nhar, it-3 ta' Awwissu, ħdejn il-pool tal-Palace Hotel, f'Tas-Sliema. Numru sabiħ ta' amministraturi, coaches u players, attendew għal din is-serata, fejn ma naqsitx id-diskussjoni dwar l-aħħar staġun u x'qed jiġi preparat għall-istaġun il-ġdid.

L-Assoċjazzjoni kienet onorata bil-preżenza tal-viċi-presidenti tal-MFA, Matthew Paris u Ludovico Micallef, flimkien mad-Direttur Tekniku s-Sur Robert Gatt. Din l-okkażjoni kienet qed tagħlaq ukoll il-kapitlu tal-isponsorship tal-APS Bank, li għal dawn l-aħħar 14-il sena kienu spnosrsors prinċipali tal-Kampjonati tal-Youth FA.

Min-naħa l-oħra din l-okkażjoni fetħet dawl ġdid fuq it-trophies tal-kampjonati u l-kompetizzjonijiet tal-Youth FA għax wara li dawk eżistenti ma tantx kienu f'kundizzjoni daqstant mixtieqa, GLOBAL SECURITY daħlu biex jagħtu s-support tagħhom billi sponsorjaw it-tazzi kollha li jintrebħu matul l-istaġun.

Grazzi kbira u mill-qalb tmur lis-Sur Mario Cardona, direttur tal-kumpanija Global Security, li dejjem ikun wara l-Assoċjazzjoni bis-support tiegħu. Fid-diskors tiegħu s-Sur Cardona qal li jieħu pjaċir, li jgħin lill-Youth FA u players żgħażagħ li dawn huma l-players futuri.

| | | |
|---|---|---|
| **APS Bank League U/15** | | |
| | **Rebbieħa** | **Runners-up** |
| Sezzjoni A | Pietá H. | San Gwann |
| Sezzjoni B | Paola H. | Floriana |
| Sezzjoni C | Zabbar SP | Gozo |
| Sezzjoni D | Zebbug R. | Attard |
| Sezzjoni E | Marsaskala | Swieqi U. |
| **APS Bank League U/17** | | |
| | **Rebbieħa** | **Runners-up** |
| Sezzjoni A | St Andrew's | Valletta |
| Sezzjoni B | Floriana | Paola H. |
| Sezzjoni C | Tarxien R. | Zabbar SP |
| Sezzjoni D | Luqa SA | Birżebbuġa |
| Sezzjoni E | Sirens | Gzira U. |
| **The Fair Play Award** | **Rebbieħa** | |
| | Under 15 | Għaxaq |
| | Under 17 | Ma ngħatax |
| **Most Promising Younster** | **Rebbieħa** | |
| Under 15 | Jake Bone (Pietá H.) | |
| Under 17 | Ayrton Attard (Birkirkara) | |
| **YFA Merit Award** | **Charles Cassar** | |

Matul dan is-serata tqassmu diversi unuri mirbuħa tal-istaġun 2016/17. Is-Sur Charles Cassar, ex membru tal-Kunsill tal-Youth FA ġie ppreżentat bil-Youth FA Merit Award mill-president tal-Assocjazzjoni, Fr Hilary Tagliaferro, bħala rikonnoxximent għax-xogħol tiegħu lejn in-nurseries fil-Kunsill tal-Youth FA matul dawn l-aħħa 18-il sena.

L-unuri mirbuħa ġew ippreżentati mill-isponsors u persuni oħra distinti li kienu mistiedna għal din l-okkażjoni.



**Ayrton Attard u Jake Bone rebbieħa tal-Most Promising Award tal-U17 u tal-U15 respettivament għall-istaġun 2016-17**

**Is-Seminar Annwali** - Is-Sibt 26 ta' Awwissu, 2017, kienet ġurnata mpenjattiva għall-Assoċjazzjoni fejn matul il-ġurnata diversi amministraturi u coaches, kienu mpenjati fis-seminar Annwali, fejn matulu ġew ppreżentati diversi suġġetti u diskussjonijiet interessanti li bla dubju jħallu l-marka tagħhom. Kif sar f'dawn l-aħħar snin, il-logħob jinżamm fil-għaxija biex kemm jista' jkun jiġu evitati l-ħinijiet sħan li toffri l-klima Maltija f'dawn iż-żminijiet.

Fid-diskors tal-ftuħ, il-president ta' l-Assocjazzjoni, Fr Hilary Tagliaferro, qal li għalkemm kollox ma' kollox kien sodisfatt bir-riżultati miksuba matul l-aħħar staġun kemm fl-amministrazzjoni kif ukoll l-organizzazzjoni, xorta wada xtaq li jressaq għall-attenzjoni tal-amministratturi dwar il-ħarsien tar-regolamenti u l-proċeduri meħtieġa biex ma jkunx hemm players li jingħataw sinjali ħżiena fuq nuqqasijiet ta' xi amministraturi, huwa qal li dan ma jnaqqas xejn mill-mertu għall-ħidma volontarja li kienu jwettqu diversi nies fin-nurseries. Fr Hilary għalaq id-diskors tiegħu billi qal li jinsab inkwetat bin-numru ta' players barranin li qed jieħdu post il-players Maltin, iżda huwa jemmen li b'attitudni aktar pożittiva jista' jkun hemm triq tan-nofs fejn kollox ikun possibbli għal kulħadd.

Id-Direttur Tekniku tal-MFA, Robert Gatt kif ukoll Robert Attard, viċi-president tal-Youth FA u direttur tal-Events U13 "Inħobb il-futbol", taw spjegazzjoni dwar tibdil li kellu jidħol fis-seħħ minn dan l-istaġun fejn il-logħob ser jinżamm fuq fażi 8v8 bil-parteċipazzjoni ta' aktar players jilagħbu għaliex fil-gruppi kull logħba ser tkun maqsuma fi tliet taqsimiet u b'hekk jingħata aktar lok li jilagħbu aktar players. Dan apparti tibdil ieħor li kollu qed ikun intiż għall-iżvilupp aħjar tal-player f'dawn l-etajiet.

Is-Sinjorina Stephanie Rocco għamlet sejħa lin-nurseries biex għal sena oħra jkunu minn ta' quddiem fil-Kampanja għall-Istrina, fejn qed tinżamm id-data tad-19 ta' Novembru 2017, fejn fiha matul in-nofs ta' nhar ta' fil-għodu ser ikun iddedikat għal logħob ta' ħbiberija ġewwa l-grounds tan-nurseries biex jinġabru fondi għall-iStrina, event li s-sena l-oħra ħalliet il-frott mixtieq.

Is-Sur Mark Borg mill-MFA Futsal Committee ta' preżentazzjoni dwar il-ħsieb mal-Youth FA, għall-introduzzjoni tal-Futsal ġewwa n-nurseries minn Frar 2018. Ġew ippreżentati filmati dwar l-importanza tal-Futsal f'etá żgħira li tgħin lill-player biex imiss aktar il-ballun u jitgħallem jilgħab f'żoni ristretti. Is-Sur Borg ħabbar li fil-ġimgħat li ġejjin il-Youth FA kienet ser tagħmel sejħa lil dawk in-nurseries li jixtiequ jintroduċu dan il-kunċett fin-nursery tagħhom.

Kelliema nteressanti oħra kienu s-Sur Andrew Barberi, social worker ma' Richmond Foundation, fejn jaħdem qalb it-tfal bi problem ta' mġieba permezz tal-programm "KIDS Programme". Is-sur Barberi elenka kif kemm il-coaches kif ukoll l-amministraturi flimkien mal-ġenituri jistgħu jikkoreġu u jagħtu direzzjoni aħjar lit-tfal b'dawn id-diffikultajiet. Is-sur Tony Mizzi mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni, ta stampa dwar il-kunċett ta' non-formal education ġewwa n-nurseries u linji gwida biex jiġu formali mar-regoli mitluba.

Is-sur Tony Guering tkellem dwar is-suġġett "Values in Sports" fejn qasam l-esperjenza tiegħu bħala coach u amministratur u fejn dejjem żamm dawn il-prinċipji fil-ħidma tiegħu biex b'hekk seta' jagħraf fl-atleti ta' madwaru persuni b'valuri u mhux oġġetti ta' suċċess.

Suġġett ieħor interessanti kien ħarsa lejn il-funzjoni tar-referees relatati mal-Youth FA. Is-sur Andrea Arciola mir-Referees Board tal-MFA, ta spjegazzjoni dettaljata kif jiġu magħżula r-referees għal-logħob tal-Youth FA, id-dixxiplina li tista' tiġi meħuda fuq referee li jonqos, kif ukoll dwar ir-relazzjoni tar-Referees Department fi ħdan l-MFA u l-Youth FA.

Is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Angelo Chetcuti, għalaq dan is-seminar billi rringrazzja lill-amministratturi tan-nurseries u l-coaches li dawn iżommu ħaj il-football fil-grassroots. Huwa qal li l-MFA għandha għal qalbha n-nurseries u jixtieq li jara aktar nies jersqu b'ideat u kummenti.

**Kampjonati Youth FA** - Is-Sibt 26 ta' Awissu, 2017, inghata bidu għal dan l-istaġun ġdid 2017/18, bil-kontroversji u sorpriżi kollha li jista' jġib miegħu. Fl-ewwel ġimgħat ser nassistu għall-fazi tal-gruppi biex jiġu stabbiliti s-sezzjonijiet A-B-C, filwaqt li s-sezzjonijiet l-oħra D u E, jibdew bl-avventura taghhom mill-ewwel mingħajr ma jgħaddu mill-fażi tal-gruppi. Lejn nofs Settembru, jibda wkoll il-logħob tan-Knock-Out Competition.

Kollox ma' kollox nawguraw staġun sabiħ f'atmosfera ta' Fair Play u rispett reċiproku mill-isteakholders kollha nvoluti.






BOV WATERPOLO
aquatic sports association of malta

# SAN ĠILJAN REBBIEĦA TAL-KAMPJONAT PREMIER




BOV
WATERPOLO
aquatic sports association of malta

# MARSAXLOKK REBBIEĦA TAL-EWWEL DIVIŻJONI

Football

minn Joe Bajada

# Xewkija Tigers iżommu s-Super Cup



**Xewkija Tigers jiċċelebraw ir-rebħ tas-Super Cup**

Fil-finali tat-28 edizzjoni tas-Super Cup, iċ-champions u l-holders Xewkija Tigers għal darb'oħra ħarġu l-karattru tagħhom meta mill-ġdid, taħt it-tmexxija tal-coach Jesmond Zammit, irnexxielhom idawru telfa f'rebħa biex żammew dan l-unur għandhom u b'hekk ma setgħux bdew aħjar l-impenji staġjonali meta issa akkwistaw dan l-unur għall-ħames darba fl-istorja tagħhom.

Ir-rebħa bl-iskor ta' 2-1, tista titqies meritata għall-fatt li Xewkija kellhom iktar attakki mill-avversarji tagħhom.

Kif kien mistenni din il-finali ntlagħbet quddiem attendenza ferm numeruża, l-iktar min-naħa tax-Xewkin fejn fl-ewwel taqsima l-logħba kienet nieqsa ferm mill-azzjonijiet izda wara l-intervall appena Għajnsielem ħadu vantaġġ bikri, bdiet ir-rimonta ta' Xewkija bil-goal deċiżiv jasal minuta fuq il-ħin regolamentari.

Magħhom iddebuttaw bosta players stabbiliti bħal Franklin Vella, Milos Stojanovic, Claudio Antunes, Mousa Bamba, Joseph Vella u Manwel Gauci, b'dawn it-tnejn tal-aħħar jidħlu bħala sostituti.

Għajnsielem ukoll kellhom aspetti ġodda fit-team fejn Shaun Bajada reġa' rritorna magħhom bħala player-coach wara staġun mal-istess avversarji.

Diversi players għamlu d-debutt magħhom fosthom Dylan Mercieca, Sam Frank Bajada,Everton Felipe de Santos u Gerard Tushe.

L-ewwel taqsima kienet pjuttost kwieta. Madankollu, it-tieni fażi kienet iktar interessanti apparti li fiha wkoll saru l-goals kollha tal-partita. Wara tliet minuti tat-tieni taqsima, Għajnsielem fetħu l-iskor meta Everton Felipe de Santos xellef għal ġewwa l-free-kick mix-xellug ta' Shaun Bajada.

Xewkija kienu sfortunati li ma kisbux id-draw seba' minuti wara meta minn cross mil-lemin ta' Dos Santos, Claudio Antunes bir-ras stampa mal-mimduda, b'Buttigieg megħlub. Fl-20 minuta kien Sandobal Guarin li kklerja minn quddiem il-lasti tal-Blacks wara li sieħbu Buttigieg ma kienx ħa l-ballun.

Fid-29 minuta, Xewkija ġustament kisbu d-draw meta minn suġġeriment ta' Milos Stojanovic, Claudio Antunes, wara li evita difensur fil-kaxxa, b'xutt fil-baxx xeħet fir-rokna.

Fl-40 minuta, Għajnsielem resqi viċin li jmorru mill-ġdid minn fuq meta pass tas-sostitut Kenny Hili ġab lil Everton Felipe de Santos waħdu fil-kaxxa iżda Franklin Vella ħareġ fuqu u mblokka periklu mill-iktar serju.

Minuta fuq il-ħin minn azzjoni ta' corner ta' Joseph Vella li kien bidel il-ballun ma' Antunes, id-difiża tal-Blacks ikklerjat qasir biex approfitta Milos Stojanovic, li mill-viċin b'xutt fuq id-dawra kiseb il-goal tar-rebħa.

Erba' minuti fuq il-ħin, iċ-champions għal ftit ma żiedux ieħor meta azzjoni bejn Stojanovic u Antunes ġabet lil Dos Santos żmarkat fil-kaxxa bil-konklużjoni tiegħu tkun imblukkata minn fuq il-linja mid-difensur Sandobal Guarin biex evita goal ċert.

Fi tmiem il-finali, l-president tal-GFA, Dr. Samwel Azzopardi, assistit minn uffiċjali oħra tal-GFA, ippreżenta s-Super Cup lil Joseph Cefai, captian ta' Xewkija fost il-ferħ tal-partitarji ferm numerużi tagħhom.

Il-formazzjoni li nizlu biha z-zewg timijiet kienet:

**Xewkija T.** : F. Vella, R. Buttigieg, M. Xerri, M. Bamba, J. Cefai (J. Azzopardi), J. M. Vella, M. Stojanovic, G. Hili (M. Gauci), T. Vella (J. Vella), C. Antunes, T. Dos Santos.

**Għajnsielem** : L. Buttigieg, A. Xuereb (D. Hili), D. Mercieca, J.J. Sandobal Guarin, K. Mercieca, A. Xuereb, K. Grima, S. F. Bajada, S. Bajada, G. Tusha (K. Hili), E. Felipe de Santos.

**Referee** : Philip Farrugia

Waterpolo

# Otters jiksbu l-aħjar riżultati f'dawn l-aħħar snin



**L-iskwadra ta' Otters**

Otters ASC li attwalment huma l-uniku club Għawdxi tal-waterpolo u li raw it-twaqqif tagħhom fil-bidu tas-snin 70, kellhom l-iktar riżultati sodisfaċenti ta' dawn l-aħħar snin meta spiċċaw fit-tielet post tal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni flimkien ma' Birżebbuġa ASC.

Dan il-club, matul din l-istorja ta' ftit inqas minn 50 sena, ra s-suċċessi kif ukoll id-diżappunti. Madankollu l-presważjoni u l-perseveranza tad-diriġenti żammew fl-għoli l-bandiera tal-waterpolo Għawdxi. Fl-ewwel snin tagħhom huma kienu jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet organizzati f'Għawdex mill-Gozo Aquatic Association fejn mas-snin rebħu diversi unuri disponibbli f'Għawdex. Fl-1977, huma bdew jieħdu sehem bit-team ta' taħt it-18 il-sena fil-kompetizzjonijiet tal-ASA., f'Malta, u ħames snin wara, Otters bdew jikkompetu bit-team tal-kbar fil-kompetizzjonijiet organizzati f'Malta, fil-kampjonat tat-Tieni Diviżjoni. L-akkwist ta' bini diċenti u modern tal-club tagħhom, fl-1995, fil-bajja ta' Marsalforn, ippermetta lill-club li joffri struttura mill-aħjar lil players tagħhom biex ikomplu jipprattikaw l-isport tal-waterpolo.

Maż-żmien, bl-introduzzjoni għall-ewwel darba ta' players barranin, Otters ma baqgħux lura f'akkwisti simili biex ikomplu jsaħħu l-formazzjoni tagħhom. Magħhom mas-snin ingħaqdu wkoll players Maltin. Anke s-servizzi ta' coaches Maltin, kif ukoll barranin komplew jagħtu l-għajnuna u l-appoġġ fis-sopravivenza tal-club innifsu. Otters komplew jinvestu fejn ħatru lil Alfred Cachia li bit-tmexxija professjonali tiegħu twaqqfet l-iSkola tal-Għawm. Din hija parti integrali tal-club li maż-żmien bdiet tirreġistra s-suċċessi tagħha.

Matul l-aħħar ħames snin, it-team kellu wkoll iċ-ċans li jmur jitħarreġ u jilgħab barra mill-pajjiż. Għal dan l-istaġun, Otters ASC għamlu diversi akkwisti mportanti bittama li jkollhom staġun ferm aħjar minn dawk preċedenti. Mingħand San Ġiljan ASC huma ħadu lill-goalkeeper, Joseph Sammut, li fl-aħħar sentejn kien rebaħ bosta unuri li joffri l-waterpolo Malti.

Miegħu huma ħadu wkoll lil ex-internazzjonali Malti, Charlie Zammit, player b'esperjenza kbira mhux biss mat-team nazzjonali iżda wkoll mal-clubs ta' Valletta, Neptunes u Sliema, fejn ma' dawn tal-aħħar rebaħ bosta titli.

Players oħra li ssieħbu ma' Otters għal dan l-istaġun kienu Luke Hyzler, Michael Borg Millo, Edward Meli u Gabriel Mizzi li ħadu mingħand Sliema u Neptunes rispettivament. Bħala player barrani huma reġgħu ngaġġaw lil Kroat Marko Jelaca, li reġa' ffirma għal sajf ieħor magħhom. Marko huwa ex-player tan-nazzjonal Kroat, u bħalissa qiegħed man-nazzjonal ta' Georgia.

Din ix-xitwa huwa lagħab ma' BPM Sport Management fl-Italja. Is-sajf li għadda, Jelaca kien ma' Otters ukoll, u magħhom skorja 41 goal fi 13-il partita. F'dan l-istagun Jelaca skorja 50 goal fi 12-il partita tal-kampjonat u 3 goals fin-Knock-Out. Bħala coach huma ħatru lill-espert Ungeriż, Erik Valter, assistit minn Alfred Cachia.

Apparti li f'dan l-istaġun li għadu kif intemm, it-team Għawdxi spiċċa fit-tieni post tal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni, huma sfaw eliminati fis-semi finali tan-KO tal-istess kategorija minn Birżebbuġa bl-iskor ta' 10-8. Il-goals ta' Otters ġew skorjati Marko Jelaka (3), Charlie Zammit (2) u Edward Meli, Luke Hyzler u Michael Borg Millo.

Dawn kienu r-riżultati kollha miksuba minn Otters f'dan l-istaġun fil-Kampjonat tal-I Diviżjoni: v Marsaxlokk 8–12, 9-11, 11-12; v Marsaskala 7-10, 10–8, 9-11; v Ta' Xbiex 7–7, 8-9, 13-8; v Birżebbuġa 5-8, 8-8, 6-13.

L-iskorers kollha ta' Otters kienu: Marko Jelaka 50; Edward Meli 26; Luke Hyzler 13; Charlie Zammit 8; Gabriel Mizzi 6; Michael Borg Millo 2; Max Borg 1; Andrew Magri 1.

Minn James Azzopardi




# Fondi Ewropej għal ħajja f'saħħitha

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

Permezz tal-fondi tal-Unjoni Ewropea (UE), speċifikament dawk tal-Erasmus+, saru u għad jistgħu jsiru diversi proġetti li l-għan tagħhom huwa li jħajru lin-nies, kbar u żgħar jieħdu sehem f'attivitajiet sportivi. B'hekk, l-UE tippromwovi l-importanza li wieħed jieħu ħsieb saħħtu, kemm fiżikament kif ukoll mentalment. L-attivitajiet li qed nirreferi għalihom mhux neċessarjament jinvolvu l-parteċipazzjoni fi sport professjonali. Anzi, dawn il-fondi jintużaw l-aktar għall-promozzjoni tal-attività fiżika ta' kull età u ta' kull xorta.

Bejn l-2014 u l-2015, proġett ta' dan it-tip irnexxielu jiġbor madwar 10,000 persuna biex jieħdu sehem f'festival ta' ħamest ijiem miżgħud bil-logħob.

Dan il-proġett, li jismu 'Europe is Our Playground', kellu proprju l-għan li jippromwovi l-isport u l-logħob tradizzjonali u fl-istess waqt saħħaħ il-ħbiberija u r-rispett permezz tal-isportività, li hija forsi waħda mill-isbaħ affarijiet li wieħed jista' jieħu mill-isport.

Il-proġett, kofinanzjat mill-UE, għaqqad ħames pajjiżi flimkien: il-Greċja, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Polonja, u l-Isvezja. Il-parteċipanti minn dawn il-pajjiżi kienu involuti f'waħda jew aktar minn 50 esibizzjoni u 20 'workshop'. Il-koordinatur tal-proġett, Vassiliki Ypsilanti, stqarr li waqt il-proġett, it-toroq imtlew b'nies entużjasti, "in-nanniet ħolqu blalen tal-football u bdew jilagħbu ma' tfal minn pajjiżi differenti, u flimkien iċċelebraw kull goal b'eċċitament kbir. Fl-Istess ħin, nanniet oħrajn bdew juru lit-tfal kif jagħmlu l-pupi. Kienet ħaġa sabiħa tassew li tara nies ta' etàjiet differenti jieħdu gost flimkien".

Kif wera dan il-proġett, l-attività fiżika ma tinkorporax biss l-isport, iżda kull logħob li jinvolvi moviment. Nies kbar fl-età jistgħu jgħidulna aktar dwar meta kienu jivvintaw u jilagħbu diversi logħob tradizzjonali fit-toroq tal-Gżejjer Maltin; ħaġa li għal diversi raġunijiet rarament għadek tara. Fil-fatt, dan il-proġett għen biex il-logħob fit-triq jerġa' jsir popolari mat-tfal ta' dawn il-pajjiżi u, l-aktar ħaġa importanti, ħeġġeġ proprju lit-tfal biex jiċċaqilqu. Minbarra dan, il-logħob tat-triq jew anki fl-iskejjel ħafna mid-drabi jwitti t-triq għal iktar interess fl-isport professjonali u jiftaħ il-bibien għal diversi karrieri fl-isport.

Madwar il-pajjiżi tal-UE spiss isiru attivitajiet simili għal 'Europe is Our Playground', grazzi wkoll għall-fondi li tipprovdi l-UE. L-UE tinkoraġġixxi liċ-ċittadini tagħha biex jagħmlu iktar eżerċizzji biex jgħixu ħajja iktar b'saħħitha billi torganizza diversi atttivitajiet. Ħafna minn dawn l-attivitajiet jenfasizzaw ukoll l-importanza li l-attivitajiet sporitivi għandhom fuq is-saħħa mentali.

Waħda mill-attiviatjiet biex tħajjar liċ-ċittadini tagħha jieħdu gost filwaqt li jiċċaqilqu, hi l-'European Week of Sport - #BeActive' li fl-




2017 daħlet fit-tielet sena tagħha.

Matul din il-ġimgħa ddedikata għall-isport, (23-30 ta' Settembru), saru bosta attivitajiet sportivi madwar il-pajjiżi tal-UE, inkluż f'Malta. Fil-fatt matul il-ġimgħa, SportMalta, flimkien ma' organizzazzjonijiet sportivi lokali, organizzaw attivitajiet sportivi li jinkludu l-waterpolo, il-football, l-atletika u bosta oħrajn. Sfortunament, skond studju li kien ippubblikat fl-2014 (Special Eurobarometer 412 - Sport And Physical Activity), f'Malta, 75% tal-persuni ma jagħmlux eżerċizzju frekwenti u ma jieħdux sehem f'xi attività sportiva. Għalhekk, attivitajiet bħal dawk li saru waqt il-'European Week of Sport' għandhom iqanqlu fina l-interess u l-importanza li wieħed jieħu sehem f'xi sport, anki bejn il-ħbieb, u kif ukoll li l-attivitajiet fiżiċi jsiru parti mill-ħajja ta' kuljum.

Mal-benefiċċji għas-saħħa, l-isport ilaqqa' n-nies biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom flimkien. L-avvenimenti tal-'European Week of Sport' enfasizzaw ukoll dan l-aspett u żammew mal-motto tal-attività: dik li kull persuna, irrispettivament mill-età, sess jew twemmin, tista' tip-parteċipa f'attivitajiet sportivi.

Minn żmien għal żmien jinfetħu opportunitajiet ta' fondi taħt l-Erasmus+ għal proġetti li jikkonċernaw l-isport. Il-MEUSAC toffri servizz billi tgħin fil-milí ta' applikazzjonijiet għal dawn il-fondi, u billi tipprovdi iktar informazzjoni. Jekk int interessat/a tkun taf aktar dwar dawn l-opportunitajiet, tista' tikkuntattja lill-MEUSAC billi tibgħat email fuq info.meusac@gov.mt jew iċċempel fuq 22003300.



## Kampjonat 1963-64

# Sliema Wanderers jegħlbu lir-rivali eterni Floriana

**Ir-Raba' Ġurnata (tkompli)**

**23-11-1963:**
**Sliema Wdrs FC – Floriana FC 4-2**
**H.T 2-1**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: J. Cini (S) 5', L. Borg (F) 28', J. Cini (S) 36', L. Borg (F) 62', E. Aquilina (S) 75' u J. Xuereb (S) 87'.**

**Sliema Wdrs FC**: Ray Cosby, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles Spiteri, Salvu Bonnici, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Edward Aquilina, Joe 'Jockey' Xuereb, Joe Cini, George Micallef (Sammy Nicholl 46').

**Floriana FC:** Charles Vella, Joe Grima, Tony Sammut, Edward Azzopardi, Lolly Debattista, Lolly Aquilina, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele, Tony 'Majsi' Cauchi, Louis Marmara'.

1. Joe 'Jockey' Xuereb irritorna ma' Sliema Wdrs wara li għamel xi snin barra minn Malta fuq xogħol mal-kumpanija Cable & Wireless. L-aħħar partita tiegħu fil-kampjonat kienet f'Jannar, 1959, fit-telfa ta' 5-1 kontra Valletta. Xuereb kien ser jilgħab ma' Sliema kontra Borough United fit-Tazza tat-Tazzi f'Settembru iżda l-Wanderers ma kienux laħqu daħħlu r-reġistrazzjoni tiegħu fil-ħin meta fir-regoli tal-UEFA d-dati tar-reġistrazzjoni kienu jagħlqu fil-15 ta' Awwissu. Sliema kienu marru għand l-MFA dak in-nhar iżda peress li kienet festa kienu sabu l-bieb tal-MFA magħluq.

2. Tlett ijiem qabel din il-partita Sliema ħabbru li kienu rranġaw id-differenzi mall-goalkeeper Freddie Debono u reġgħu rreġistrawh magħhom din id-darba bħala professional. Fuq talba tal-goalkeeper stess, Sliema kienu tawh ir-release, fl-4 ta' Novembru, wara li kien urtat li tħalla reserve ta' Cosby matul il-partita kollha waqt friendly kontra Rabat. Floriana, Valletta u Melita kollha kienu nteressati li jieħdu lil Debono magħhom.

3. Preżenti għal din il-partita kien hemm il-Manager ta' Charlton Athletic, Frank Hill. Miegħu kien hemm ukoll Alfred Crocker, chief scout ta' Charlton, li qal li għoġbu Lino Falzon ta' Sliema. Min-naħa tiegħu Frank Hill meta mistoqsi qal li l-aktar li għoġbu kien .... Joe Cassar Naudi, ir-referee tal-partita.

4. Qabel il-partita inżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tal-President Amerikan John F. Kennedy li kien assasinat, f'Dallas, ġurnata qabel.

5. Sliema kellhom nieqes lil Robbie Buttigieg li lagħab fil-partita tar-Reserves kontra Floriana fejn laqat il-lasta. Sliema rebħu 1-0 b'goal ta' Pisani. Mar-Reserves lagħab ukoll Ġużi Bonnici li għalkemm irkupra mill-injury issa kien tilef postu fl-ewwel team meta l-player li ħadlu postu, Lino Falzon 'Il-Fus', kien qed ikun fost l-aħjar tal-partita.

6. Fl-okkażjoni tat-tielet goal Slimiż, skorjat minn Edward Aquilina, ir-referee Cassar Naudi kkonvalida l-goal minkejja li l-linesman xejjer il-bandiera għal offside. Fil-verità mid-deskrizzjoni tal-goal fuq il-ġurnali ftit wieħed jista' jifhem kif il-goal seta' kien offside meta Lolly Debattista żelaq u tilef il-ballun, Edward Aquilina, ħa l-ballun u avvanza waħdu qabel fajjar xutt li għeleb lill-goalkeeper Vella.

7. Biż-żewġ goals li skorja Joe Cini issa kien tela' fil-quċċata tal-aqwa skorers b'ħames goals.

8. Sliema kienu għaddejjin minn perjodu eċċezzjonali. Minbarra li kellhom punti massimi minn erba' logħbiet huma kienu għadhom bla telfa fil-kampjonati tar-Reserves, tal-Under 21 u tal-Minors.

**24-11-1963:**
**Hibernians FC – Rabat FC 3-2**
**H.T 1-2**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: J. Azzopardi (R) pen. 8', F. Delia (H) 17', o.g J. Privitera (R) 26', T. Griffiths (H) pen. 79' u E. Theobald (H) 83'.**

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Sunny Anastasi, Louis Theobald, Leli 'L-Għawdxi' Attard (Frans 'In-Nagħġa' Xuereb 31'), Victor Grima, Tony Griffiths, Freddie Delia, Victor 'Il-Palun' Cassar, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Silvio Debattista.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Joe Grech, Frans Peplow, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Victor Azzopardi, Leslie Agius, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Nenu Chircop, Charlie Zammit (Louis Azzopardi 76'), Charles Nappa.

1. Fil-21 minuta, Norman Scott ta' Rabat u Victor Cassar ta' Hibernians sfaw imkeċċija wara li ġew fl-idejn. Aktar tard, fil-75 minuta, kien Joe Grech ta' Rabat li safa mkeċċi wara ġlied bejn diversi players fil-penalty area. Din il-tkeċċija swiet qares lill-Magpies għax Hibernians bi player iktar skorjaw darbtejn tard fil-partita biex rebħu l-logħba. Grech u Cassar kienu ġew sospiżi partita kull wieħed filwaqt li Scott kien ġie mmultat £1.

2. Freddie Delia rriżulta f'akkwist importanti għal Hibernians meta għat-tielet partita konsekuttiva reġa' kien hu li fetaħ l-iskor għall-Pawlisti.

3. Skond il-ġurnal 'The Bulletin' il-player Leli Attard ta' Hibernians wara l-partita talab li jiġi trasferit minħabba li ħassu urtat li ġie mibdul f'nofs l-ewwel taqsima.

4. Hibernians sofrew l-ewwel goals fil-kampjonat minn penalty u auto goal li wasal meta ħarab waħdu Nenu Chircop, iżda ntlaħaq minn Johnnie Privitera li tajjarlu l-ballun b'xutt b'saħħtu li iżda ħareġ fid-direzzjoni tal-lasta tiegħu stess fejn għeleb għal kollox lill-goalkeeper Freddie Mizzi.

5. Il-Pawlisti ħadu aħbar tajba meta l-player tagħhom Salvu Gatt, fis-16 ta' Novembru, 1963, kien ħareġ mill-isptar tal-Blue Sisters fejn kien għamel l-operazzjoni tal-cartilage.

6. Qabel il-partita kienet inżammet minuta silenzju b'rispett lejn il-memorja tal-President Amerikan John Kennedy li kien inqatel, f'Dallas, jumejn qabel.

**Klassifika:** Sliema Wdrs FC 8 pti.; Hibernians FC 7 pti.; Ħamrun Sp. FC u Valletta FC 5 pti.; Floriana FC 4 pti.; Rabat FC 3 pti.; St. George's FC u Melita FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: J. Cini (Sliema Wdrs FC) 5 goals; J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC); E. Aquilina (Sliema Wdrs FC) u F. Borg (Valletta FC) 4 goals; F. Delia (Hibernians FC); J. Azzopardi (Rabat FC) u V. Vassallo (Valletta FC) 3 goals.

**Il-Ħames Ġurnata**

**30-11-1963:**
**Melita FC – St. George's FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Ref: James Sawyer**
**Skorja: L. Borg (M) 33'**
**Linesmen: George Busuttil and Tommy Restall**

**Melita FC:** George Borg, Alfred 'Paper' Debono, Emanuel Suda, John 'Casey' Cassar, John Delia, Alfred Dymond, A. Sammut, Lawrence Borg, Albert Castillo, John Bonnett, Edwin Mifsud.

**St. George's FC:** Pawlu Nappa, Joe Brincat (Karmenu Frendo 6'), Andrew Ellul, Joe 'Puskas' Muscat, Leli Micallef, Freddie Demanuele (Edward Darmanin 60'), Eddie 'Bagaga' Mizzi, Leli Sultana, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Wally Hili, Harry Scicluna.

1. Albert Castillo ddebutta ma' Melita wara li kien akkwistat mingħand Rabat FC fit-trasferimenti tas-sajf.

2. Nenu Mizzi ta' St. George's FC tkeċċa tmien minuti mit-tmiem wara li xejjer daqqa ta' ponn lil Emanuel Suda ħdejn il-bandiera tal-corner. Mizzi ġie sospiż żewġ logħbiet.

3. Fl-azzjoni li wasslet għall-goal, Lawrence Borg ta' Melita laqat il-ballun ħażin fejn il-ġurnal 'It-Torċa' kiteb li "deher li l-ballun kien ser jispiċċa barra iżda minflok ħakkek mal-lasta l-wieqfa u spiċċa fix-xibka b'għaġeb ta' Nappa u tal-istess Borg li kien diġà dar lura bil-ħsieb li l-ballun mar barra".

4. Sadanittant Melita ittrasferew lil Charles Betts lil St. Joseph tal-Imsida.

**01-12-1963:**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Pawlu Bonnett**
**Skurjaw: J. Urpani (V) 4' u 78' u C. Zarb (V) 85'.**

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Joe Cilia, Frankie Zammit, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Josie Urpani, Tony Connor (Charlie Zarb 61'), Freddie 'Waniż' Borg, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci.

**Ħamrun Sp. FC**: Lino Mizzi, Ronnie Attard, Joe Stanmore, George Jones, Johnnie Fondacaro, Ċikku 'In-Nagħga' Xuereb, Pawlu Buttigieg (Vince Camilleri 67'), Albert Calleja (Carmelo 'Nene' Grech 55'), Jimmy Mizzi, Charles 'It-Topsy' Aquilina, John 'Bipu' Mifsud.

1. Mal-Ispartans iddebutta Ċikku Xuereb. L-ex-player ta' Floriana, Vittoriosa u Hibernians kien ġie akkwistat ġurnata qabel.

2. Tommy Taylor irritorna bejn il-lasti ta' Valletta FC. Huwa kien ilu nieqes mil-logħba tat-Tazza taċ-Champions kontra Dukla wara li kien kiser il-polz. Charlie Williams, li wkoll kien weġġa' fl-istess partita kontra Dukla, reġa' beda jittrenja.

3. Żewġ players oħra li reġgħu bdew jittrenjaw ma' Valletta kienu Pawlu Carbonaro u Johnnie Darmanin li kienu rranġaw id-differenzi mall-club Belti.

4. Charlie Zarb jiġi n-neputi ta' Pullu Zarb li fis-snin 40 u l-bidu tal-ħamsinijiet kien jilgħab ma' St. Andrew's ta' Ħal Luqa u Floriana FC.

5. Il-coach tal-Ispartans Salvu Cuschieri kien irritorna mill-Ingilterra dak in-nhar stess fil-għodu u poġġa fuq il-bank flimkien ma' Tony Formosa li kien mexxa lill-Ispartans fl-assenza tiegħu.

6. Valletta ttrasferew lid-difensur John Demicoli lil St. Joseph FC. Demicoli kien regolari mar-Reserves iżda kull ma lagħab mal-kbar kienet partita waħda fl-istaġun ta' qabel.

**07-12-1963:**
**Sliema Wdrs FC – Hibernians FC 3-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: R. Cocks (S) 30', J. Cini (S) 41' u G. Micallef (S) 65'.**

**Sliema Wdrs FC:** Alfred Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Edward Aquilina, Joe 'Jockey' Xuereb, Joe Cini, George Micallef.

**Hibernians FC:** Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, John 'Il-Ġemel' Privitera, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Tony 'Il-Koku' Attard, Sunny Anastasi, Tony Griffiths, Victor Grima, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Freddie Delia, Silvio Debattista (Norman Buckle 70').

1. Tony Attard, li kellu 17-il sena, jiġi t-tifel tal-ex-player ta' Floriana u Valletta Duminku Attard.

2. Żagħżugħ ieħor li kien qed jiddebutta ma' Hibernians kien Norman Buckle, player ieħor promettenti mis-sensiela ta' żagħżagħ, li ħarġu mill-Oratorju ta' Santu Wistin ta' Fr. Hilary Tagliaferro.

3. Hibernians kienu mingħajr il-player Victor Cassar li kien jinsab sospiż wara li tkeċċa kontra Rabat.

4. Leli Attard 'L-Għawdxi' lagħab f'din il-partita wara li rranġa d-differenzi mal-club Pawlist meta m'aċċettax is-sostituzzjoni kmieni fil-partita kontra Rabat fl-aħħar ħarġa.

5. Freddie Debono, il-goalkeeper tal-Wanderers, kien qed jagħmel l-ewwel dehra f'dan l-istaġun wara l-inkwiet li kellu mal-kumitat Slimiż tant li kienu tawh ir-release qabel reġgħu rranġaw miegħu u ffirma magħhom mill-ġdid bħala professional.

**08-12-1963:**
**Floriana FC – Rabat FC 3-2**
**H.T 0-1**
**Ref: Frans X. Grech**
**Skurjaw: C. Zammit (R) 41', T. Cauchi (F) 61', N. Chircop (R) 73', L. Borg (F) 75' u T. Cauchi (F) 86'.**

**Floriana FC:** Charlie Vella, Joe Grima, Tony Sammut, Edward Azzopardi, Lolly Debattista, Lolly Aquilina, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Pullu 'Koku' Demanuele (Joe Fava 48'), Tony 'Majsi' Cauchi, Louis Marmara.

**Rabat FC:** Charles Zerafa, Charles Nappa (Charlie Ciantar 82'), Norman Scott, Frans Peplow, Johnnie 'Zikizokk' Azzopardi, Victor Azzopardi (John Sapiano 62'), Leslie Agius, George Tonna, Nenu Chircop, Charlie Zammit, Joe Vella.

1. Fid-59 minuta Floriana kellhom penalty għal hands ta' Charlie Nappa iżda l-goalkeeper Charles Zerafa salva x-xutt ta' Louis Marmara mill-11-il metru.

2. Ħames minuti wara kienu Floriana li ħelsuha ħafif meta Lolly Debattista ta gambetta lil Joe Vella fil-penalty area iżda r-referee Grech minkejja li nnota l-foul ordna indirect free-kick.

2. Għat-tielet logħba konsekuttiva Rabat fallew ir-rebħa b'goal fl-aħħar minuti tal-partita. L-ewwel kienu Ħamrun li ġabu d-draw kontrihom b'żewġ goals ta' Jimmy Mizzi fl-aħħar għaxar minuti, imbagħad Hibernians kienu dawru telfa f'rebħa kontrihom b'żewġ goals ukoll fl-aħħar għaxar minuti filwaqt li issa kienu Floriana li dawru telfa f'rebħa b'goals lejn tmiem il-partita.

3. Rabat kienu qed jilagħbu mingħajr Joe Grech wara li ġie sospiż partita meta tkeċċa fl-aħħar ħarġa kontra Hibernians.

4. Louis Bugeja ta' Floriana, li f'dan l-istaġun kien għadu ma lagħabx għax kien jinsab imweġġa', fl-4 ta' Diċembru, daħal fl-Isptar tal-Blue Sisters biex jagħmel l-operazzjoni tal-cartilage. Proprjament Bugeja kien ingħata prova, fl-24 ta' Novembru, 1963, fil-partita tar-Reserves kontra Sliema iżda wara l-mistrieħ ma reġax ħareġ għal-logħob għax reġa' ħass l-uġigħ.

**Klassifika:** Sliema Wdrs FC 10 pti.; Hibernians FC u Valletta FC 7 pti.; Floriana FC 6 pti.; Hamrun Sp. FC 5 pti.; Rabat FC 3 pti.; Melita FC 2 pti.; St. George's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: J. Cini (Sliema Wdrs FC) 6 goals; J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC); E. Aquilina (Sliema Wdrs FC); J. Urpani u F. Borg (Valletta FC) 4 goals.




# Spot the Ball u irbaħ
## Flokk ta' Manchester United

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru, 2017

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 126



Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 125 huwa:
**E. Grech - Mosta**

# Tisliba



### Soluzzjoni - Ħarġa nru 125

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| C | O | N | F | E | D | E | R | A | T | I | O | N | S |
| H | | I | | V | | L | | I | | L | | I | |
| E | V | E | R | G | R | E | E | N | | S | P | A | L |
| I | | D | | E | | | | | L | A | | S | |
| C | L | E | A | N | | V | I | K | I | N | G | S | |
| K | | R | | Y | U | E | | I | | K | | E | D |
| T | A | K | A | | | L | | E | D | E | N | | E |
| I | | O | | K | O | L | E | V | | R | | C | T |
| O | | R | | R | | A | | | M | | E | | T |
| T | E | N | N | I | S | | B | I | A | N | C | H | I |
| E | R | | | S | | | Y | | R | | A | | |
| | N | I | S | T | E | L | R | O | O | Y | | H | M |
| | I | | | E | | | O | | O | | N | | Y |
| B | E | S | A | N | C | O | N | | N | W | O | B | A |

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Ottubru 2017:
**Sportiv Magazine**
**Kompetizzjoni Tisliba,**
**c/o A41, Marsa**
**Industrial Estate,**
**Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 125:
**C. Cassar - Paola**

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta
Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

**Mimdudin**

1) Li Sport favorit ta' Yazmin Zammit Stevens (13)
8) u 12) Zammit, minn goalkeeper għal fiżjoterpista speċjalizzat (4)
10) Champion tad-dinja tal-MotoGP fl- 2012 ,2010 u 2015 5,7)
12) Ara 8 Mimdudin
13) "......Munhak", stadium ospitanti fil-FIFA WC 2002
15) "Sirocco du .....", żiemel Franċiż ta' 11 - il sena (6)
16) Gambin, ex għawwiem Malti Awstraljan fil 100-m Butterfly (4)
18) Phillip, 101 partita u 10 goals għall-Olanda (4)
19) Belt ospitanti Ġappuniża fil-FIFA WC 2002
22) Racing Club de ...., club f'Ligue 2 fi Franza (4)
36 (33 (23) Marco, jockey Malti (6)
24) L-aqwa 'għodda' fil-Baseball u Cricket (3)
25) Mesut, midfielder offensiv ta' Arsenal (4)
28) "..... ...... Pizjuán Stadium", il-homeground ta' Seville (5,7)
31) Marco, winger ta' Cagliari FC (3)
32) L-avversarji ta' AC Milan fl-Europa League riċenti (9)
33) Ara 23 Mimdudin
35) Inverness Caledonian Thistle (1,1,1)
36) Ara 23 Mimdudin
38) Attila, winger Ungeriż fil-Fifa WC 1974
39) Jafarov , attakkant ta' FC Neftci tal-Azerbaijan (5)

**Weqfin**

1) Pawel, pole vaulter Pollakk ta' fama mondjali (13)
2) Senijad, midfielder offensiv ta' Bosnia Herzegovina (7)
3) Werner, l-uniku atleta Venezwelan fl-Olimpjadi tax-Xitwa 2006
4) "Olympique ..." rebbieħa ta' Ligue 1 għal 7 darbiet (8)
5) "Track & .....", l-isport tal-atleti fil-Ġiri, Qbiż u Tfigħ (5)
6) Pippo, 466 partita u 197 goals fl-Italja (7)
7) u 17) Reuben, ex player ta' Buffolo Bills fl-NFL Amerikan (4)
9) Mifsud, minn Atleta għal Kickboxing, Rugby u issa Bodybuilding (5)
11) Mourinho, tgħid għadu "The Special ..."? (3)
14) Ambroise, left-back ta' Montreal Impact u l-Kamerun (6)
17) Ara 7 Weqfin
20) Jose Luis ...... Negrin, ex attakkant Spanjol ta' Rabat Ajax (7)
21) Elford-Alliyu, ex attakkant Niġerjan ta' Valletta (6)
26) Rolando Hugo, goalkeeper Arġentin fil-FIFA WC 1966
27) Anton, attakkant tal-Awstrija fil-FIFA WC 1934
29) Kaven, ex goalkeeper ta' Motherwell u l-Finlandja (5)
30) Club tal-football fil-Ligue 2 ta' Franza (5)
34) u 37) Busuttil, player internazzjonali Malti tas-Snooker (5)
37) Ara 34) Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

BOV CONSUMER FINANCE

# looking to buy a new car?

We can help you start a new chapter today.



*All loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. The term of the loan must not go beyond retirement age. Terms and conditions apply.*

If you are looking to buy your first car, upgrade or buy the car of your dreams, a BOV Personal Loan is the perfect solution. Talk to us today - we can help you get behind the wheel in no time.

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta